

Rapport Speċjali

Statistika Ewropea

Potenzjal għal aktar titjib tal-kwalità



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Werrej

	Paragrafu
Sommarju eżekuttiv	I - X
Introduzzjoni	01 - 11
L-għarfien huwa setgħa: Ir-rwol tal-istatistika uffiċjali	01 - 03
Il-qafas legali għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea	04 - 07
Governanza tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika	08 - 11
Ambitu u approċċ tal-awditjar	12 - 20
Osservazzjonijiet	21 - 89
L-istrateġija u l-programmi ssodisfaw l-aspettattivi, iżda ma kienx hemm enfasi suffiċjenti fuq l-innovazzjoni u ma ġewx issodisfati l-ħtiġijiet kollha tal-utenti	21 - 34
Il-pjanijiet u l-programmi strateġiċi ssodisfaw l-aspettattivi istituzzjonali fil-biċċa l-kbira, iżda ma rnexxilhomx ikejlu l-progress	22 - 23
Il-ħtiġijiet tal-utenti mhumiex issodisfati b'mod suffiċjenti u għadhom jeżistu lakuni fid- <i>data</i>	24 - 29
Il-finanzjament tal-istatistika tal-UE ma jinkisibx b'mod xieraq u ma jipprioritizzax proġetti innovattivi b'mod suffiċjenti	30 - 34
L-Eurostat jipprovdi appoġġ xieraq lis-sistemi nazzjonali tal-istatistika, iżda għad hemm dgħufijiet fil-valutazzjoni u d-disseminazzjoni	35 - 69
L-Eurostat jipprovdi appoġġ xieraq lis-sistemi nazzjonali tal-istatistika	38 - 39
Ir-rappurtar tal-kwalità li jitwettaq mill-Istati Membri mhumiex armonizzati u dokumentat bis-sħiħ	40 - 43
Il-valutazzjoni tal-kwalità mwettqa mill-Eurostat ma żguratx bis-sħiħ l-affidabbiltà tad- <i>data</i>	44 - 56
Informazzjoni armonizzata u l-indikaturi tal-monitoraġġ huma nieqsa mir-rappurtar lill-Parlament u lill-Kunsill	57 - 58
Il-proċeduri ta' disseminazzjoni mhumiex armonizzati b'mod suffiċjenti	59 - 63
Aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin jista' jikkomprometti l-ugwaljanza u jippermetti rivelazzjonijiet ta' informazzjoni	64 - 69

Il-potenzjal tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari biex iwasslu titjib ma ġiex sfruttat bis-sħiħ 70 - 89

Il-Kummissjoni għamlet progress tajjeb fil-biċċa l-kbira mir-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari 71 - 75

Il-valutazzjoni li l-Eurostat wettqet rigward l-implimentazzjoni, mill-Istati Membri, tal-azzjonijiet ta' titjib tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari hija bbażata fuq il-fiduċja reċiproka fost l-awtoritajiet tal-istatistika 76 - 82

It-tfassil ta' evalwazzjonijiet bejn il-pari tjejb maż-żmien, iżda għad hemm nuqqasijiet importanti 83 - 89

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet 90 - 103

Annessi

Anness I – Statistika uffiċjali fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19

Anness II – Attivitajiet magħżula tal-istatistika

Anness III – Eżempji ta' linji gwida dwar l-istatistika, rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki fil-livell internazzjonali

Anness IV – Lista ta' proġetti magħżula għall-awditu

Anness V – It-tiftix ta' alternattivi għal *data* dwar l-imwiet bil-COVID-19 li tkun aktar f'waqtha

Anness VI – Rakkomandazzjonijiet tal-ESGAB, l-2014 u l-2021

Anness VII – Sommarju tal-azzjonijiet ta' titjib tal-istitut nazzjonali tal-istatistika – status fil-31 ta' Diċembru 2019

Anness VIII – Kopertura tas-Sistemi Nazzjonali tal-Istatistika fit-tielet ċiklu tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari

Abbrevjazzjonijiet

Glossarju

Risposti tal-Kummissjoni

Kronoloġija

Tim tal-awditjar

Sommarju eżekuttiv

I L-istatistika uffiċjali hija ben pubbliku li għandu l-għan li jiddeskrivi l-fenomeni ekonomiċi, demografiċi, soċjali u ambjentali. Hija essenzjali għall-appoġġ tat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza li jsir minn politiċi u mexxejja tan-negozju, iżda wkoll minn individwi u unitajiet domestiċi. Għall-UE, l-istatistika hija meħtieġa fl-oqsma kollha – mit-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' politiki tal-UE, sal-ġbir u l-allokazzjoni ta' fondi tal-UE, u l-kwalità għolja hija kruċjali. Din titħaddem permezz tal-kriterji li ġejjin: rilevanza; preċiżjoni; kumparabbiltà u koerenza; tempestività u puntwalità: u aċċessibbiltà u ċarezza.

II Fl-2012, aħna ppubblikajna rapport speċjali dwar il-kwalità tal-istatistika Ewropea. Wara l-2016, aħna sibna li xi titjib miftiehem ma kienx ġie implimentat bis-sħiħ. Peress li kien hemm ukoll żviluppi reċenti fl-istatistika Ewropea, iddeċidejna li nwettqu awditu ġdid dwar l-istess suġġett. L-għan huwa li s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħna jikkontribwixxu għall-effettività tal-proċessi ta' ġestjoni tal-kwalità tal-Eurostat u b'hekk jgħinu fit-titjib tal-affidabbiltà tal-istatistika Ewropea.

III F'dan l-awditu, ivvalutajna jekk il-Kummissjoni tipprevedix b'mod effettiv statistika Ewropea ta' kwalità għolja. Biex inwieġbu din il-mistoqsija, eżaminajna jekk il-Kummissjoni għandhi strateġija komprensiva u programmi effettivi (EUR 489 miljun allokati fil-perjodu 2013-2020) għall-produzzjoni tal-istatistika. Ivvalutajna wkoll jekk l-Eurostat jipprovdi appoġġ xieraq, jekk stabbiliex valutazzjoni robusta tal-kwalità tad-*data*, u jekk jiżgurax li l-utenti kollha jkollhom aċċess trasparenti u ndaqs. Għal dan, għażilna attivitajiet tal-istatistika fi tliet oqsma tematiċi (ix-xogħol, in-negozji u s-saħħa), u vverifikajna jekk ix-xogħol ta' valutazzjoni mwettaq mill-Eurostat żgurax il-kwalità għall-ġabriet ta' *data* tal-perjodu 2017-2020. Fl-aħħar nett, eżaminajna jekk il-potenzjal ta' evalwazzjonijiet bejn il-pari għall-iżgurar tal-kwalità tal-istatistika Ewropea ġiex sfruttat bis-sħiħ.

IV Il-konklużjoni ġenerali tagħna hija li l-Kummissjoni tipprovdi statistika li b'mod ġenerali tkun ta' kwalità suffiċjenti għal dawk li jfasslu l-politika, għan-negozji u għaċ-ċittadini. Madankollu, għad għandhom jiġu indirizzati xi dgħufijiet.

V L-istrateġiji tal-istatistika tal-Eurostat jirriflettu l-prijoritajiet stabbiliti fi programmi suċċessivi, iżda dawn ma rnexxilhomx ikejlu xi progress kien sar. Il-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika, li huwa l-korp rappreżentattiv prinċipali għall-utenti, ma jirrappreżentax b'mod effettiv l-utenti kollha, bħall-opinjonijiet kollettivi tal-komunità

akkademika u tar-riċerka. Barra minn hekk, il-ħtiġijiet tal-utenti mhumiex issodisfati bis-sħiħ, minħabba li hemm lakuni fid-*data* fl-oqsma awditjati.

VI Minkejja finanzjament akbar permezz tal-programm Ewropew tal-istatistika, il-produzzjoni ta' statistika Ewropea regolari għadha sserraħ parzjalment fuq finanzjament minn dipartimenti oħra tal-Kummissjoni. Xi wħud mit-13-il proġett iffinanzjati mill-UE li aħna analizzajna ma pprovdewx valur miżjud permezz ta' fokus fuq l-innovazzjoni, iżda sempliċement iffinanzjaw attivitajiet obligatorji.

VII L-appoġġ mill-Eurostat għall-Istati Membri huwa fil-biċċa l-kbira xieraq. Madankollu, is-setgħat ta' verifikazzjoni li għandu l-Eurostat huma limitati fl-oqsma li eżaminajna. Aħna sibna wkoll li r-rapporti tal-kwalità li jintbagħtu mill-Istati Membri mhumiex armonizzati bejn u fi ħdan il-proċessi statistiċi, u ma fihomx l-istess livell ta' dettall. Barra minn hekk, l-Eurostat ma jwettaqx valutazzjonijiet fil-fond tad-dimensjonijiet kollha tal-kwalità, bħall-komparabbiltà u l-koerenza. L-istatistika dwar is-saħħa u n-negozju hija affettwata wkoll mit-tempestività, billi xi settijiet ta' *data* jistgħu jintbagħtu sa 24 xahar wara s-sena ta' referenza.

VIII L-Eurostat żviluppa kalendarju ta' rilaxx, li huwa nieqes minn dettalji suffiċjenti. Huwa ma għandux politika ta' reviżjonijiet ġenerali, ma jiddiskrevix ir-regoli li jirregolaw aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin bis-sħiħ fuq is-sit web tiegħu, u lanqas ma jippubblika lista komprensiva ta' utenti li ngħataw aċċess privileġġat.

IX Għalkemm tjiieb it-tfassil tal-eżerċizzju ta' evalwazzjoni bejn il-pari mwettaq mis-Sistema Ewropea tal-Istatistika, il-frekwenza u l-kopertura tas-sistemi nazzjonali tal-istatistika għadhom mhux xierqa biex jiżguraw titjib kontinwu fil-kwalità. Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-Istati Membri indirizzaw parzjalment biss ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-evalwazzjoni bejn il-pari tal-perjodu 2013-2015 dwar it-tisħiħ tal-indipendenza u l-imparzjalità.

X B'riżultat tal-awditu li wettaqna, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

- tissodisfa aħjar il-ħtiġijiet tal-utenti billi lill-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika tagħmlu aktar inklużiv;
- ikollha l-għan li ssaħħaħ l-indipendenza finanzjarja tal-programm Ewropew tal-istatistika u tipprijoritizza proġetti innovattivi;
- ittejjeb ir-rapporti tal-kwalità tal-Istati Membri u l-valutazzjoni tal-kwalità tal-istatistika Ewropea;

- o tqis mill-ġdid il-prattika attwali tar-rilaxx qabel tal-istatistika qabel il-ħin; u
- o tivvaluta l-fattibbiltà li jitqawwa l-mandat tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika.

Introduzzjoni

L-għarfien huwa setgħa: Ir-rwol tal-istatistika uffiċjali

01 L-istatistika uffiċjali hija element indispensabbli fis-sistema ta' informazzjoni ta' soċjetà demokratika, li sserve lill-gvern, lill-ekonomija u lill-pubbliku b'*data* dwar is-sitwazzjoni ekonomika, demografika, soċjali u ambjentali¹. Bħala ben pubbliku, din tiġi żviluppata, prodotta u disseminata minn awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u minn organizzazzjonijiet internazzjonali. L-istatistika Ewropea uffiċjali tkopri l-UE nnifisha, l-Istati Membri u r-reġjuni tagħha, u pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA).

02 Statistika Ewropea ta' kwalità għolja hija importanti biex tgħin lil dawk li jfasslu l-politika jfasslu u jimmonitorjaw politiki ekonomiċi, demografiki, soċjali u ambjentali favur it-*tkabbir* u l-*iżvilupp sostenibbli*. Din hija kruċjali wkoll għall-*għbir* u l-*allokazzjoni tal-fondi tal-UE* u hija essenzjali għal negozji, riċerkaturi u l-pubbliku ġenerali. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet li hemm *ħtieġa urġenti ta' data f'ħin kważi reali* mwassla minn sistemi tal-istatistika veloċi, flessibbli u aktar kkoordinati (ara l-[Anness I](#)).

03 Il-kwalità hija kunċett multidimensjonali, iżda definizzjoni sempliċi hija "adegwata għall-użu". Fil-kuntest tal-istatistika Ewropea, il-kwalità titħaddem permezz tal-kriterji li ġejjin: rilevanza; preċiżjoni; kumparabbiltà u koerenza; tempestività u puntwalità; u aċċessibbiltà u ċarezza (ara t-[Tabella 1](#)). Dawn id-dimensjonijiet huma interrelatati u hemm kompromessi bejn xi wħud minnhom.

¹ Il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti, *Resolution adopted by the Economic and Social Council on 24 July 2013: 2013/21 - Fundamental Principles of Official Statistics*, 2013.

Tabella 1 – Kriterji tal-kwalità

Kriterji tal-kwalità	Deskrizzjoni
Rilevanza	Il-grad ta' kemm l-istatistika tilħaq il-ħtiġijiet attwali u potenzjali tal-utenti.
Preċiżjoni	Tirreferi għal kemm l-istimi jġarrbu lejn il-valuri vera mhux magħrufa.
Kumparabbiltà	Tirreferi għall-kejl tal-impatt tad-differenzi fil-kunċetti tal-istatistika, għodod u proċeduri ta' kejl applikati meta l-istatistika titqabbel bejn iż-żoni ġeografiċi, dominji settorjali jew matul iż-żmien.
Koerenza	Tirreferi għall-adeqwatezza tad- <i>data</i> li tkun marbuta b'mod affidabbli b'modi differenti u għal użu varju.
Tempestività	Il-perjodu bejn id-disponibbiltà tal-informazzjoni u l-avveniment jew il-fenomeni li dan jiddeskrivi.
Puntwalità	Id-dewmien bejn id-data ta' rilaxx tad- <i>data</i> u d-data mmirata (id-data sa liema kellha tintbagħat id- <i>data</i>).
Aċċessibbiltà u ċarezza	Jirreferu għall-kundizzjonijiet u l-proċeduri li bihom l-utenti jistgħu jiksbu, jużaw u jinterpretaw id- <i>data</i> .

Sors: il-QEA, ibbażat fuq l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

Il-qafas legali għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea

04 Il-qafas legali tal-UE evolva maż-żmien, fil-biċċa l-kbira b'rispons għall-ħtiġijiet tal-istituzzjonijiet tal-UE. It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea² jiddikjara li l-produzzjoni tal-istatistika “għandh[a] [t]irrispetta l-imparzjalità, l-affidabbiltà, l-oġġettività, l-indipendenza xjentifika, il-proporzjonalità tal-ispiża mar-riżultat u l-kunfidenzjalità statistika; ma għandhomx joħolqu piż żejjed fuq l-operaturi ekonomiċi”.

05 Ir-Regolament dwar l-Istatistika Ewropea³ jistabbilixxi s-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) bħala sħubija bejn l-Eurostat (direttorat ġenerali tal-Kummissjoni u l-Uffiċċju tal-Istatistika tal-UE) u l-istituti nazzjonali tal-istatistika (NSIs) u awtoritajiet nazzjonali oħra (ONAs) responsabbli f'kull Stat Membru għall-iżvilupp, għall-

² L-Artikolu 338 TFUE.

³ Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 (ĠU L 87, 31.3.2009), emendat l-aħħar mir-Regolament (UE) 2015/759.

produzzjoni u għad-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea. Is-sħubija tinkludi wkoll l-awtoritajiet tal-istatistika tal-pajjiżi tal-EFTA.

06 Ir-Regolament ikompli jiddefinixxi aktar kif l-ESS għandha tiġi organizzata, jiddeskrivi d-dmirijiet prinċipali tas-sħab tagħha, u jipprovdi qafas għall-iżvilupp, għall-produzzjoni u għad-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea bbażata fuq prinċipji statistiċi komuni. Huwa jipprovdi wkoll il-bażi legali għat-tnejn ta' programmi Ewropej tal-istatistika (ESPs, minn hawn 'il quddiem "programmi"), li jiddefinixxu l-oqsma u l-oġettivi prinċipali għall-iżvilupp, għall-produzzjoni u għad-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea għal perjodu li jikkorrispondi għal dak tal-qafas finanzjarju pluriennali. Minn ammont totali ta' EUR 489 miljun, il-programm preċedenti (2013-2020) ipprova EUR 193 miljun f'għotjiet lil pajjiżi tal-ESS (u EUR 181 miljun addizzjonali ġew ipprovduti bħala krediti sottodelegati minn direttorati ġenerali (DĠ) oħra). Il-programm attwali (2021-2027) ijjana nefqa ta' EUR 552 miljun⁴, li tinkludi EUR 74 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn għall-2021⁵. Attwalment, il-Kummissjoni qed tqis il-possibbiltà li tirrevedi r-regolament, biex tiffoka fuq sorsi ta' *data*, teknoloġiji u informazzjoni ġodda, kif ukoll il-kondiviżjoni tad-*data* u risponsi statistiċi f'każ ta' kriżi.

⁴ L-Artikolu 4.2 tar-Regolament (UE) Nru 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021.

⁵ L-Artikolu 03 02 05 "Produzzjoni u disseminazzjoni ta' statistika ta' kwalità għolja dwar l-Ewropa" tal-Baġit 2021 approvat, disponibbli fuq <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32021B0417&qid=1663242885328&from=en>

07 Il-prinċipji tal-istatistika stabbiliti fir-regolament huma elaborati f'aktar dettall fil-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea (CoP), li l-għan tiegħu huwa li jiżgura fiduċja pubblika fl-istatistika Ewropea ⁶. Il-Kodiċi ġie rivedut l-aħħar fl-2017 (ara l-**Figura 1**)

Figura 1 – Prinċipji tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea

IL-KODIĊI TAS-SISTEMA EWROPEA TAL-ISTATISTIKA

MIN?

Ambjent istituzzjonali

1. Indipendenza professjonali
- 1(a) Koordinazzjoni u kooperazzjoni
2. Mandat ta' ġbir ta' data u ta' aċċess għad-data
3. Adegwatezza tar-riżorsi
4. Impenn għall-kwalità
5. Kunfidenzjalità tal-istatistika u protezzjoni tad-data
6. Imparzialità u oġġettività

KIF?

Proċessi statistiċi

7. Metodoloġija soda
8. Proċeduri statistiċi xierqa
9. Oneru tar-risposta mhux eċċessiv
10. Kosteffettività

XIEX?

Outputs/prodotti statistiċi

11. Rilevanza
12. Akkuratezza u affidabbiltà
13. It-tempestività u l-puntwalità
14. Koerenza u kumparabbiltà
15. Aċċessibbiltà u ċarezza

Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea tal-2017.

Governanza tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika

08 Ir-responsabbiltà għall-ġbir tad-data meħtieġa biex tiġi ġġenerata l-istatistika Ewropea għall-użu pubbliku (mill-UE u mill-Istati Membri) hija taż-żewġ sistemi tal-istatistika b'oqfsa legali separati li jirriflettu strutturi differenti ta' governanza. Dawn huma s-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS)⁷ u s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ)⁸.

09 L-ESS hija ggwidata mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, li huwa ppresedut mill-Eurostat u magħmul minn rappreżentanti tal-istituti nazzjonali tal-istatistika membri. Il-Kumitat jipprovdi lill-ESS bi gwida professjonali dwar l-iżvilupp, il-

⁶ L-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

⁷ Kif deskritt fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 223/2009.

⁸ Il-funzjoni tal-istatistika tas-SEBĊ hija bbażata fuq l-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ u l-BĊE.

produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika. Huwa responsabbli wkoll għall-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea.


10 L-Eurostat jopera bħala l-awtorità tal-istatistika tal-UE. Ir-rwol tiegħu huwa li jmexxi l-armonizzazzjoni tal-istatistika b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika. Il-funzjoni primarja tiegħu huwa li jipproċessa u jippubblika informazzjoni statistika kumparabbli fil-livell Ewropew billi jivvaluta l-kwalità tad-*data* ppreżentata mill-Istati Membri.

11 L-ESS hija assistita mill-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika⁹ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat Konsultattiv"), u l-attivitajiet tagħha rigward l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea jiġu sorveljati mill-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB)¹⁰, li huwa korp ta' esperti indipendenti tal-istatistika (ara l-*Figura 2*).

⁹ Stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 234/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

¹⁰ Stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 235/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Figura 2 – Struttura ta' governanza tal-ESS



Sors: il-QEA.

Ambitu u approċċ tal-awditjar

12 L-objettiv ġenerali ta' dan l-awditu kien li jivvaluta jekk il-Kummissjoni tipprevedix b'mod effettiv statistika Ewropea ta' kwalità għolja. F'dan id-dokument, nirreferu għall-Eurostat meta nirrappurtaw dwar oqsma li l-Uffiċċju tal-Istatistika tal-UE għandu r-responsabbiltà assoluta tagħhom.

13 Biex inwieġbu l-mistoqsija tal-awditjar, ivvalutajna jekk:

- o il-Kummissjoni għandhiex strateġija komprensiva u programmi effettivi għall-produzzjoni ta' statistika ta' kwalità għolja;
- o l-Eurostat jipprovdi appoġġ xieraq, stabbili u valutazzjoni robusta tal-kwalità tad-*data* li huwa jirċievi u, meta jkun qed jiddissemina l-istatistika Ewropea, jiżgurax li l-utenti kollha jkollhom aċċess trasparenti u ndaq; u
- o l-evalwazzjonijiet bejn il-pari ġewx sfruttati bis-sħiħ biex jiżguraw u jtejbu aktar il-kwalità tal-istatistika.

14 Fl-2012, ippublikajna rapport speċjali dwar il-kwalità tal-istatistika Ewropea¹¹. F'segwitu fl-2016, sibna li xi wħud mir-rakkomandazzjonijiet kienu għadhom ma ġewx implimentati bis-sħiħ. Għal din ir-raġuni, u minħabba żviluppi reċenti fl-istatistika Ewropea, iddeċidejna li nwettqu awditu ġdid dwar l-istess suġġett. Għalhekk, eżaminajna xi progress sar minn Jannar 2013 sa Diċembru 2021. L-għan huwa li sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħna jikkontribwixxu għall-effettività tal-proċessi ta' ġestjoni tal-kwalità tal-Eurostat u b'hekk jgħinu fit-titjib tal-kwalità tal-istatistika Ewropea.

¹¹ Ir-Rapport Speċjali 12/2012 tal-QEA: "Il-Kummissjoni u l-Eurostat tejbju l-proċess tal-produzzjoni ta' statistika Ewropea affidabbli u kredibbli?"

15 Għażilna tliet oqsma tematiċi (ix-xogħol, in-negozji u s-saħħa), u vverifikajna jekk ix-xogħol ta' valutazzjoni mwettaq mill-Eurostat żgurax statistika ta' kwalità għolja li jiffoka fuq il-ġabriet ta' *data* tal-perjodu 2017-2020 f'konformità mal-kriterji tal-kwalità stabbiliti mir-Regolament Nru 223/2009. Aħna ffukajna l-analiżi tagħna fuq l-attivitajiet tal-istatistika li ġejjin (ara l-[Anness II](#)):

- l-istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-UE (LFS);
- l-istatistika strutturali tan-negozju;
- is-saħħa, li tikkonsisti f'“nefqa fuq is-saħħa”, “affarijiet tas-saħħa mhux relatati man-nefqa” u “kawżi tal-mewt”.

16 Aħna eżaminajna d-dimensjonijiet kollha tal-kwalità (ara l-paragrafu [03](#)) fl-Istati Membri kkampjunati (il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Litwanja u l-Finlandja). Fir-rigward tat-tempestività, il-puntwalità u l-kompletezza, koprejna l-Istati Membri kollha tal-UE minħabba dokumentazzjoni faċilment disponibbli. Aħna għażilna l-kampjun bl-użu ta' sitt kriterji biex niżguraw ir-rilevanza, il-materjalità, il-kopertura ġeografika wiesgħa u taħlita tajba ta' sistemi differenti tal-istatistika, jiġifieri bbażati fuq sħarriġiet jew *data* amministrattiva.

17 Ix-xogħol tal-awditjar tagħna kopra wkoll il-kontributi li kienu saru minn dipartimenti oħra tal-Kummissjoni (id-DĠ tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni (EMPL), id-DĠ Suq Intern, Industrijia, Intraprenditorija u SMEs (GROW), id-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari (SANTE), u mill-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB) u l-Kumitat Konsultattiv, għall-produzzjoni ta' statistika Ewropea. Ma ħarisniex lejn il-kwalità tad-*data* mibgħuta mill-Istati Membri, l-istatistika Ewropea prodotta mis-SEBĊ, u lanqas l-isfruttament ta' sorsi ta' *data* ġodda.

18 Ibbażajna x-xogħol tagħna fuq kriterji minn diversi sorsi, bħal prinċipji miftiehma għall-istatistika uffiċjali, il-linji gwida ta' implimentazzjoni korrispondenti, u l-aħjar Prattika internazzjonali (ara l-[Anness III](#)).

19 Minbarra li eżaminajna d-*data* u l-istatistika, ħarisna wkoll lejn leġiżlazzjoni, linji gwida internazzjonali u rakkomandazzjonijiet rilevanti, kif ukoll dokumenti pprovduti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri magħżula – inklużi r-risposti tagħhom għall-kwestjonarji dettaljati li jkopru l-ambitu tal-awditjar kollu. Irrieżaminajna kampjun ta' 13-il għotja li kienu rilevanti għat-tliet oqsma tematiċi (ara l-[Anness IV](#)), immaniġġjati mill-Eurostat taħt il-programm tal-perjodu 2013-2020. Dawk l-għotjiet jirrigwardaw

proġetti li huma implimentati minn istituti nazzjonali tal-istatistika jew minn awtoritajiet nazzjonali oħra fil-ħames Stati Membri tagħna.

20 Intervistajna persunal mill-Kummissjoni, miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, minn istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra fil-ħames Stati Membri, kif ukoll minn tliet organizzazzjonijiet internazzjonali (l-ILO, l-OECD u l-WHO). Osservajna wkoll laqgħat tal-Kumitat tal-ESS, u intervistajna membri attwali u preċedenti tal-korpi ta' governanza tal-ESS (l-ESGAB u l-Kumitat Konsultattiv), l-Uffiċċju tal-Istatistika tal-EFTA, il-Federazzjoni ta' Soċjetajiet Ewropej ta' Statistika Nazzjonali, is-Soċjetà Rjali tal-Istatistika, u esperti fl-istatistika tax-xogħol, tan-negozju u tas-saħħa. Minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19, wettaqna l-intervisti kollha b'vidjokonferenza biss.


Osservazzjonijiet

L-istrateġija u l-programmi ssodisfaw l-aspettattivi, iżda ma kienx hemm enfasi suffiċjenti fuq l-innovazzjoni u ma ġewx issodisfati l-ħtiġijiet kollha tal-utenti

21 Il-Kummissjoni prinċipalment timplimenta l-prijoritajiet strateġiċi tagħha permezz ta' programmi suċċessivi, li jenħtieġ li jkunu maħsuba biex jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-utenti tal-istatistika Ewropea u, fejn meħtieġ, irrieżaminati biex jieħdu kont ta' kwalunkwe bidla mhux mistennija (ara l-*Figura 3*). Fit-taqsimiet li ġejjin, neżaminaw jekk:

- (a) il-programmi tal-istatistika tal-Kummissjoni u l-pjanijiet strateġiċi tal-Eurostat humiex imfassla tajjeb, humiex komprensivi u jiġux immonitorjati b'mod effettiv;
- (b) il-programmi jissodisfawx il-ħtiġijiet tal-utenti; u
- (c) il-programmi jipprovdux valur għall-flus permezz ta' għotjiet lis-sistemi nazzjonali tal-istatistika.

Figura 3 – Ippjanar finanzjarju pluriennali, programmi u strateġiji tal-Eurostat



Sors: il-QEA.

Il-pjanijiet u l-programmi strateġiċi ssodisfaw l-aspettattivi istituzzjonali fil-biċċa l-kbira, iżda ma rnexxilhomx ikejlu l-progress

22 Aħna eżaminajna l-programm għall-perjodu 2013-2020 u l-pjanijiet strateġiċi tal-Eurostat għall-perjodi 2016-2020 u 2020-2024, il-programmi ta' ħidma annwali tal-

istatistika mill-2013 'il hawn, u d-dokumentazzjoni dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi. Eżaminajna wkoll il-programm attwali fi ħdan il-Programm tas-Suq Uniku tal-UE għall-perjodu 2021-2027, il-mekkaniżmu li ntuża għall-istabbiliment tal-prijoritajiet matul il-perjodu 2013-2020, u s-sustanza tat-taħditiet fi ħdan l-ESS matul l-2019 biex dawn il-prijoritajiet jiġu modifikati għall-perjodu 2021-2027.

23 Sibna li l-programm tal-perjodu 2013-2020 kien imfassal l-aktar biex jissodisfa l-aspettattivi u l-ħtiġijiet tal-utenti istituzzjonali tal-istatistika Ewropea u kien jinkludi qafas ta' monitoraġġ. Madankollu l-Kummissjoni qieset, wara, li xi wħud mill-KPIs li ntużaw fil-bidu biex ikejlu l-effettività tal-programm ma kinux marbuta mal-oġġettivi tal-programm jew ma kinux kapaċi juru l-impatt tal-finanzjament mogħti mill-UE. Dawn il-KPIs ġew sostitwiti b'oħrajn (ara l-**Figura 4**). Din is-sostituzzjoni u l-bidliet fil-metodoloġija li ntużat fl-istħarriġ ta' sodisfazzjon tal-utent ma ppermettewx li jitkejjel xi progress kien inkiseb matul il-perjodu sħiħ ta' tmien snin.

Figura 4 – Evoluzzjoni tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-Eurostat għall-programm tal-perjodu 2013-2020.


KPI	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020
Għadd ta' estrazzjonijiet ta' <i>data</i> magħmula minn utenti esterni minn bażijiet ta' <i>data</i> pubbliċi (EuroBase u Comtext) permezz tas-sit web tal-Eurostat	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓
Kopertura tal-istatistika (imkejla bħala għadd ta' indikaturi, sottoindikaturi u l-ispejgazzjonijiet tagħhom kollha)					✓	✓	✓
L-impatt tal-Eurostat fuq l-Internet: a) Numru ta' kemm jissema b) Perċentwali ta' opinjonijiet negattivi					✓	✓	✓
Perċentwali tal-utenti li jikklassifikaw il-kwalità ġenerali tal-istatistika Ewropea bħala "tajba ħafna" jew "tajba"	✓	✓	✓	✓			
It-tempestività ta' subsett ta' statistika pprovdut mill-Eurostat imkejjejl bħala l-għadd ta' jiem bejn l-aħħar jum tal-perjodu ta' referenza tal-istatistika u l-jum ta' rilaxx tal-istqarrija għall-istampa relatata					✓	✓	✓
Perċentwali tal-utenti li jikklassifikaw it-tempestività tal-istatistika Ewropea għall-iskopijiet tagħhom bħala "tajba ħafna" jew "tajba"	✓	✓	✓	✓			
Il-puntwalità ta' kampjun tal-istatistika: għadd medju ta' jiem bil-quddiem (pożittivi) jew fit-tard (negattiv), kif imqabbel mal-mira legali: IEEP u kummerċ estern tal-UE	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓
Perċentwali tal-utenti li jikklassifikaw il-komparabbiltà tal-istatistika Ewropea fost reġjuni u pajjiżi bħala "tajba ħafna" jew "tajba"	✓	✓	✓	✓			
Perċentwali tas-serje kronoloġika li tkopri 10 snin konsekuttivi jew aktar					✓	✓	✓
Tul tas-serje kronoloġika ta' kampjun tal-istatistika: Serje attiva ta' indikaturi Ewropej	✓	✓	✓	✓			

Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

Il-ħtiġijiet tal-utenti mhumiex issodisfati b'mod suffiċjenti u għadhom jeżistu lakuni fid-*data*

24 Biex tiġi żgurata r-**rilevanza** tal-istatistika, din tal-aħħar trid tiġi ġġenerata l-ewwel u qabel kollox bl-utenti fiċ-ċentru. Il-produzzjoni tagħha mhijiex tir fiha nnifisha; anzi, din trid isservi lil dawk li jużaw id-*data* għat-titjib tal-politika u l-eżiti. B'dan l-objettiv, jenħtieġ li l-Eurostat jikkonsulta t-tipi kollha ta' utenti biex jidentifika l-ħtiġijiet li jridu jiġu indirizzati mill-ippjanar strateġiku. Bħala l-korp rappreżentattiv prinċipali għall-utenti, jenħtieġ li l-Kumitat Konsultattiv jassisti billi jiżgura li r-rekwiżiti tagħhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-proċess tal-ippjanar tal-programm u jistabbilixxi relazzjonijiet ma' kunsilli nazzjonali tal-utenti tal-istatistika¹² (ara l-**Figura 5**).

Figura 5 – Utenti tal-istatistika Ewropea



Sors: il-QEA.

25 L-Eurostat jidentifika l-ħtiġijiet tal-utenti permezz ta' għadd ta' kanali. Pereżempju, huwa jorganizza seduti annwali għall-konsultazzjoni ma' dipartimenti oħra tal-Kummissjoni, jorganizza stħarriġ biannwali ta' sodisfazzjon tal-utent, u jwettaq konsultazzjonijiet okkażjonali u inqas rappreżentattivi dwar prodotti speċifiċi (eż. id-**Dashboard Ewropew tal-Istatistika tal-Irkupru**).

¹² Ara l-Artikoli 1 u 3 tad-**Deċiżjoni Nru 234/2008/KE tal-11 ta' Marzu 2008**.

26 Il-Kumitat Konsultattiv jagħti preċedenza lill-ħtiġijiet li joriġinaw mill-politiki u l-inizjattivi tal-UE. Barra minn hekk, it-12-il membru maħtura mill-Kummissjoni jipparteċipaw fil-kapaċità personali tagħhom aktar milli jirrappreżentaw lill-assoċjazzjonijiet xjentifiċi, lill-universitajiet u lill-istituti ta' riċerka minn fejn jiġu huma¹³; b'riżultat ta' dan, huma ma jiżgurawx tassew perspettiva kollettiva. Mhumiex involuti utenti u partijiet ikkonċernati ewlenin oħra bħas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet nongovernattivi li jirrappreżentaw gruppi vulnerabbli u marġinalizzati, u organizzazzjonijiet internazzjonali.

27 Mindu ġie stabbilit, il-Kumitat Konsultattiv ma għamilx progress sinifikanti lejn l-istabbiliment ta' relazzjonijiet ma' utenti tal-istatistika nazzjonali. Tabilħaqq, kien biss fl-2021 li huwa għaqqad ħarsa ġenerali lejn 23 kunsill tal-utenti nazzjonali tal-istatistika u għamel pjanijiet biex iqawwi l-kooperazzjoni tiegħu magħhom. Barra minn hekk, waqt ix-xogħol tagħna sibna evidenza li l-attivitajiet tal-kunsill Taljan tal-utenti kienu ġew sospiżi, u li għadu ma kien hemm l-ebda kunsill operazzjonali fil-Kroazja.

28 L-awditu li wettaqna identifika lakuni fl-istatistika dwar "affarijiet tas-saħħa mhux relatati man-nefqa" u l-morbidità. Statistika dwar affarijiet tas-saħħa mhux relatati man-nefqa, bħal riżorsi u attivitajiet fil-qasam tal-kura tas-saħħa, huma volontarji u s-settijiet ta' *data* għadhom mhumiex kompleti, għaliex mhux l-Istati Membri kollha jippreżentaw id-*data* miftiehma kollha lill-Eurostat. Se jiġi adottat abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni li jiddefinixxi lista minima ta' rekwiżiti, u l-ewwel trażmissjoni tad-*data* hija mistennija li sseħħ fl-2023. Dment li ċerti Stati Membri ma jingħatawx derogi, il-kwalità (bil-kompletezza inkluża) hija mistennija li titjeb. L-istatistika dwar il-morbidità ilha għaddejja minn żvilupp aktar minn 10 snin, u għadha ma ġietx finalizzata.

29 Lakuna importanti oħra li sibna rirrigwarda d-definizzjoni li l-UE tagħti tal-SMEs, li l-Eurostat ma japplikax b'mod korrett minħabba diffikultajiet fil-ksib tad-*data* finanzjarja kollha f'xi Stati Membri. Il-klassifikazzjoni tal-SMEs fl-istatistika Ewropea hija bbażata biss fuq l-għadd ta' impjegati (inqas minn 250 persuna) u tinjora l-kriterji finanzjarji (fatturat annwali u total tal-karta tal-bilanċi).

¹³ Ara l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 234/2008/KE tal-11 ta' Marzu 2008.

Il-finanzjament tal-istatistika tal-UE ma jinkisibx b’mod xieraq u ma jipprijoritizzax proġetti innovattivi b’mod suffiċjenti


30 Jenġtieg li l-Kummissjoni tindirizza l-ħtiġijiet ewlenin tal-utenti u tikkomplementa l-finanzjament nazzjonali billi tipprovdi sistemi nazzjonali tal-istatistika b’riżorsi finanzjarji adegwati, kif ġie rakkomandat mil-linji gwida internazzjonali (ara l-[Annex III](#)). Il-finanzjament tal-programm jiġi allokat permezz ta’ programmi ta’ ħidma annwali, li jiġu prodotti u adottati mill-Kummissjoni u jkopru finanzjament permezz ta’ għotjiet, akkwist u ftehimiet oħra. Il-qafas finanzjarju pluriennali tal-perjodu 2021-2027 jinkludi EUR 552 miljun għall-programm – madwar EUR 78 miljun kull sena (+29 % meta mqabbel mal-medja annwali għall-perjodu 2013-2020). Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE għall-ESS tirrappreżenta 2.4 % tal-ispiża totali stmata għall-produzzjoni tal-istatistika uffiċjali (madwar EUR 3 biljun fl-2020 skont sħarriġ ta’ valutazzjoni tal-ispiża mwettaq mill-Eurostat¹⁴).

31 L-għotjiet huma l-mezz l-aktar użat u stabbilit bl-aħjar mod biex jiġi stimulat l-iżvilupp ta’ statistika ġdida b’rispons għall-ħtiġijiet li jiġu identifikati minn utenti istituzzjonali. Dawn huma mmexxija mid-domanda u jiffinanzjaw madwar 70 % tal-ispejjeż tal-proġett għall-iżvilupp ta’ attivitajiet tal-istatistika bħalma huma l-ħolqien ta’ moduli ta’ sħarriġ ġodda, ġbir ta’ *data* wiċċ imb wiċċ u intervisti bit-telefon.

32 L-Eurostat jimmaniġġja wkoll għotjiet iffinanzjati minn dipartimenti oħra tal-Kummissjoni (eż. id-DĠ EMPL u d-DĠ SANTE) lil hinn mill-programm (ara l-[Figura 6](#)). L-għan ta’ dawn l-għotjiet, bħal dawk li huma ffinanzjati taħt il-programm, huwa li jstimulaw l-iżvilupp tal-istatistika biex il-ħtiġijiet speċifiċi tad-DĠ jiġu ssodisfati – għalkemm xi kultant iservu wkoll lil attivitajiet tal-istatistika li diġà huma obbligatorji. F’dan il-kuntest, fl-2012, aħna rakkomandajna dan li ġej: “Sabiex tikseb implimentazzjoni sħiħa tal-Kodiċi ta’ Prattika tal-Istatistika Ewropea l-Kummissjoni għandha: (e) [...] tneħħi l-mekkaniżmu tal-krediti operazzjonali sottodelegati għall-produzzjoni tal-istatistika”. Aħna nqisu li l-arranġament attwali, li permezz tiegħu l-Eurostat iserraħ finanzjarjament fuq DĠ oħra, mhuwiex allinjat bis-sħiħ mar-rakkomandazzjonijiet internazzjonali u l-aħjar prattika dwar provvista adegwata tar-riżorsi, u ma jippromwovix indipendenza istituzzjonali.

¹⁴ L-Eurostat, *Support for the Final Evaluation of the European Statistical Programme 2013-2020*, Lulju 2021, p. 43.

Figura 6 – Għotjiet għall-istatistika minn DĠ oħra iżda mmaniġġjati mill-Eurostat, il-perjodu 2013-2020



NB. DĠ oħra jinkludu d-DĠ DEVCO, id-DĠ EAC, id-DĠ HOME, u d-DĠ MOVE.

Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

33 Aħna sibna li l-għotjiet tal-UE jkopru ħtiġijiet istituzzjonali fil-biċċa l-kbira, u li għadd sinifikanti minnhom jiffinanzjaw attivitajiet obligatorji tal-istatistika, u xi drabi, ikopru l-ispejjeż regolari tal-persunal tas-sistemi nazzjonali tal-istatistika. Ftit li xejn hemm għotjiet li jiffinanzjaw proġetti innovattivi (eż. studji pilota fuq l-istatistika dwar il-morbidity) b'valur miżjud konsiderevoli li, kieku, ma jgħux iffinanzjati fil-livell nazzjonali.


34 Il-proġetti ffinanzjati jeħtieġ li jiġu vvalutati sabiex jiġi vverifikat jekk dawn jilhqax l-oġettivi tagħhom u jekk jipprovdwx benefiċċji li jikkorrispondu għar-riżorsi li qed jiġu investiti. Għalkemm l-għotjiet individwali ġew ivvalutati, b'mod ġenerali ma kienx hemm ġustifikazzjoni tal-valutazzjoni kwalitattiva tar-riżultati, u dan iġib miegħu r-riskju li l-ambitu għas-segwitu jiġi limitat u li s-sostenibbiltà tar-riżultati titnaqqas.

L-Eurostat jipprovdi appoġġ xieraq lis-sistemi nazzjonali tal-istatistika, iżda għad hemm dgħufijiet fil-valutazzjoni u d-disseminazzjoni

35 Il-kompitu tal-Eurostat huwa li jkun hemm żvilupp, produzzjoni u disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea¹⁵. Għal dan il-fini, huwa jipprovdi appoġġ lill-istituti nazzjonali tal-istatistika, jivvaluta l-kwalità tad-*data* li tasal mill-Istati Membri skont il-kriterji stabbiliti (ara l-paragrafu **03**), u mbagħad jikkonsolida u jippubblika. Il-kriterji tal-kwalità “rilevanza” u “aċċessibbiltà u ċarezza” huma indirizzati fil-paragrafi **24-29** u **59-69**, rispettivament.

36 Jenġtieg li l-Eurostat ikollu sistema effettiva ta’ ġestjoni tal-kwalità, bi proċeduri bil-miktub għall-valutazzjoni tal-kwalità ta’ kull qasam tematiku¹⁶ (ara l-**Figura 7**)

Figura 7 – Proċess ta’ valutazzjoni tal-kwalità: mill-preżentazzjoni tad-*data* sal-pubblikazzjoni tad-*data*



Sors: il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

¹⁵ L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 223/2009.

¹⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/504/UE u l-Kodiċi ta’ Prattika tal-Istatistika Ewropea.

37 Fit-taqsimiet li gëjjin, aħna neżaminaw jekk l-Eurostat:

- (a) ipprovdix appoġġ xieraq lill-istituti nazzjonali tal-istatistika;
- (b) iwettaqx valutazzjoni robusta tal-kwalità tad-*data* li tasal; u
- (c) meta jiddessemina l-istatistika, jiżgurax li l-utenti kollha jkollhom aċċess trasparenti u ndaq.

L-Eurostat jipprovdi appoġġ xieraq lis-sistemi nazzjonali tal-istatistika

38 Fir-rwol tiegħu bħala koordinatur għat-titjib tal-kwalità tal-istatistika Ewropea, jenħtieġ li l-Eurostat jipprovdi appoġġ f'waqtu u xieraq lill-Istati Membri u jiżviluppa networks kollaborattivi biex jipromwovi l-kondiviżjoni tal-għarfien¹⁷. Mid-dokumenti disponibbli aħna sibna li l-appoġġ li l-Eurostat jagħti lill-Istati Membri s-soltu jkun xieraq u f'waqtu. Pereżempju, il-bidu tal-pandemija tal-COVID-19 ħoloq domanda bla preċedent mill-gvernijiet, mill-media u mill-pubbliku fl-intier tiegħu għal statistika rapida u affidabbli f'diversi dominji (ara l-[Anness I](#)). Ftit taż-żmien wara t-tifqigħa tal-pandemija, l-Eurostat ħareġ linji gwida u noti metodoloġiċi dwar il-produzzjoni ta' settijiet ta' *data* bħal-LFS.

39 Madankollu, l-Eurostat ma għandux proċeduri interni bil-miktub għall-provvista ta' appoġġ, b'mod partikolari fir-rigward tal-iskeda ta' żmien. Aħna sibna eżempji ta' problemi metodoloġiċi kumplessi li ħadu żmien twil biex jiġu solvuti. Pereżempju, il-problema ta' kif għandha tiġi trattata d-*data* dwar kura fit-tul (distinzjoni bejn kura soċjali u kura tas-saħħa) ilha teżisti mill-implimentazzjoni tas-Sistema tal-Kontijiet tas-Saħħa tal-2011 fl-2015¹⁸. Il-problema tolqot il-kompletezza u l-kumparabbiltà tad-*data* f'dak il-qasam. Task force bdiet taħdem fuq din il-problema fi Frar 2022, u hija mistennija li twassal rapport sa tmiem l-2023.

¹⁷ L-Artikoli 6.3, 7, 15 u 18 tar-Regolament (UE) Nru 223/2009, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/504/UE.

¹⁸ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/359 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1338/2008.

Ir-rappurtar tal-kwalità li jitwettaq mill-Istati Membri mhuwiex armonizzati u dokumentat bis-sħiħ

40 Il-Manwal tal-ESS jipprovdi linji gwida għat-tnejn, mis-sħab tal-ESS, ta' rapporti tal-kwalità għall-produtturi u għall-utenti dwar il-firxa sħiħa ta' proċessi u outputs statistiċi. Għal kull sett ta' *data* statistiku, jenħtiegħ li dawn ir-rapporti jiġu armonizzati bejn u fi ħdan il-proċessi statistiċi sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-linji gwida għall-aċċertament li informazzjoni essenzjali dwar il-proċessi ta' ġbir u validazzjoni ta' *data* tkun disponibbli għall-utenti u l-produtturi.

41 Aħna eżaminajna jekk ir-rapporti tal-kwalità mibgħuta mill-Istati Membri fit-tliet oqsma tematiċi koperti mill-awditu li wettaqna kinux konformi mal-Manwal tal-ESS u kinux jinkludu informazzjoni li kienet kemm xierqa kif ukoll armonizzata biex tippermetti valutazzjoni u fehim xierqa tal-outputs statistiċi korrispondenti.

42 Ir-regolament settorjali jirrikjedu li l-Istati Membri jibagħtu rapporti tal-kwalità u metadata lill-Eurostat f'intervalli sa ħames snin. Intervall twil bejn żewġ rapporti jkabbar ir-riskju li d-deskrizzjonijiet ta' sorsi u metodi jkunu nbidlu bejn żewġ settijiet ta' *data*. Barra minn hekk, wieħed mill-ħames Stati Membri fil-kampjun tagħna (il-Kroazja) għadu ma bagħatx ir-rapport tal-kwalità mistenni tiegħu għad-*data* dwar "kawżi tal-mewt". Ma hemm l-ebda rekwiżit legali li jiġi ppreżentat rapport tal-kwalità għad-*data* dwar affarijiet tas-saħħa mhux relatati man-nefqa; madankollu, l-Istati Membri huma mistennija jibagħtu fajl ta' metadata, u dan mhuwiex konformi mal-istruttura tar-rapporti tal-kwalità.

43 Hemm differenzi fir-rappurtar bejn, u anke fi ħdan, attivitajiet tal-istatistika. Il-livell ta' dettall ivarja bejn l-Istati Membri fil-kampjun tagħna; xi wħud ma jipprovdux informazzjoni li hija suffiċjenti għal fehim u valutazzjoni xierqa tal-kwalità tad-*data*. Barra minn hekk, bl-eċċezzjoni tal-"kawżi tal-mewt", l-istruttura tar-rapporti tal-kwalità ma ssegwix il-linji gwida. Dawn l-inkonsistenzi jirriżultaw f'informazzjoni mhux kompleta li tista' tħawwad lill-utenti.

Il-valutazzjoni tal-kwalità mwettqa mill-Eurostat ma żguratx bis-sħiħ l-affidabbiltà tad-*data*

44 L-Eurostat għandu s-setgħa legali li jwettaq xogħol ta' verifikazzjoni fuq il-post fl-Istati Membri f'dominji tal-istatistika bħall-proċedura ta' defiċit eċċessiv u d-dħul nazzjonali gross. Huwa ma għandux setgħat kumparabbli fit-tliet oqsma koperti mill-awditu li wettaqna. Peress li l-kontribuzzjonijiet tal-UE permezz ta' għadd ta' strumenti ta' finanzjament, bħall-Fond ġdid ta' Rkupru u Reżiljenza, jiġu kkalkulati abbażi tal-

istatistika Ewropea fejn l-Eurostat ma għandu l-ebda setgħa ta' verifikazzjoni (eż. ix-xogħol u l-popolazzjoni) u għalhekk ma jistax jiżgura l-affidabbiltà, hemm riskju li kwalunkwe allokkazzjoni ta' fondi tal-UE bbażata fuq din id-*data* tista' ma tkunx preċiża.

45 L-Eurostat żviluppa proċeduri bil-miktub għall-validazzjoni tad-*data* f'kull wieħed mill-oqsma tematiċi li eżaminajna. Madankollu, dawn il-proċeduri ma jinkludux verifikazzjonijiet aktar fil-fond tal-kwalità tad-*data* fl-Istati Membri, bħalma huma dawk li jsiru fuq il-post.

46 L-Eurostat żviluppa wkoll manwali tal-utenti u linji gwida dwar il-monitoraġġ tal-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-istatistika tal-UE. Aspett wieħed nieqes minn dawn il-linji gwida huwa skeda ta' żmien għall-azzjoni tiegħu stess jekk isib li Stat Membru ma jkunx konformi mad-dati ta' skadenza stabbiliti fir-regoli.

47 L-Eurostat juża firxa ta' għodod tat-IT biex iwettaq tal-verifiki tal-validazzjoni (ta' kwistjonijiet bħalma huma l-loġika, il-plawżibbiltà, il-konsistenza, ir-rati ta' reviżjoni u r-rati annwali tal-bidla). Xi wħud minn dawn il-verifiki huma inkorporati fil-fajls li jinkludu l-kwestjonarju li l-Istati Membri jridu jimlew biex ikunu jistgħu jaqdbu u jikkoreġu kwalunkwe żball qabel ma jibagħtuhom. Ladarba jkunu saru l-validazzjonijiet, l-Istati Membri jirċievu rapport tal-validazzjoni biex jiġi approvat; hemmhekk biss jistgħu jiddisseminaw id-*data* tagħhom b'mod aktar mifrux.

48 L-Eurostat, l-OECD u l-WHO jiġbru u jaqsmu l-validazzjonijiet ta' *data* dwar in-“nefqa fuq is-saħħa” u l-“affarijiet tas-saħħa mhux relatati man-nefqa” bejniethom, u japplikaw il-verifiki b'mod identiku. Il-validazzjoni tad-*data* dwar l-LFS, il-“kawżi tal-mewt” u n-“nefqa fuq is-saħħa” hija simili għall-Istati Membri kollha. Madankollu, il-valutazzjonijiet finali tal-kwalità għal kull Stat Membru mhumiex strutturati, u ma jiddokumentawx jew ma jipproponux soluzzjonijiet għall-problemi kollha misjuba. Għall-oqsma tematiċi l-oħra (“affarijiet tas-saħħa mhux relatati man-nefqa” u statistika strutturali tan-negozju) aħna rċevajna fajls tad-*data*, iżda mhux valutazzjonijiet finali tal-kwalità. Aħna sibna li l-Eurostat kien konxju minn problemi bil-kwalità tad-*data* li toriġina mix-xogħol tal-validazzjoni tiegħu jew mill-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri. Xi problemi bil-kwalità tad-*data* jieħdu żmien twil biex jiġu solvuti (ara, pereżempju, id-diskussjoni rigward *data* dwar kura fit-tul fil-paragrafu 39).

49 Matul il-perjodu kopert mill-awditu li wettaqna, aħna sibna dgħufijiet fir-rigward tal-**preċiżjoni** tad-*data* fit-tliet oqsma awditjati (ara l-**Kaxxa 1**).

Kaxxa 1

Eżempji ta' dgħufijiet relatati mal-preċiżjoni

Stħarriġ dwar il-forza tax-xogħol

- Ir-rata ta' nuqqas ta' rispons kienet għolja ħafna fit-tliet Stati Membri fejn l-LFS huwa volontarju. Fl-2018, din kienet 34.5 % fil-Finlandja, 21.6 % fil-Litwanja u 42.4 % fil-Kroazja. Fit-tieni kwart tal-2020, ir-rata ta' nuqqas ta' rispons għall-Istati Membri *kollha* laqgħet il-quċċata tagħha f'livell ta' 34.6 % minħabba l-pandemija.
- L-Artikolu 3(1) u (2) tar-[Regolament \(KE\) Nru 577/98](#) jirrikjedi l-użu ta' "żball standard relattiv" fl-analiżi tar-rappreżentattività. Madankollu, l-Eurostat dan ma jikkalkulahx u lanqas ma juża l-iżbalji standard relattivi ppreżentati mill-Istati Membri, fl-analiżi tiegħu.

Statistika strutturali tan-negozju

- Ma rajna l-ebda evidenza li l-Eurostat ivvaluta rati ta' rispons jew intervalli ta' fiduċja.
- Mill-1995, skont ir-[Regolament \(KE\) 696/93](#), l-Istati Membri kienu meħtieġa jikkumpilaw l-istatistika strutturali tan-negozju tagħhom bl-użu tal-kunċett ta' "intrapriża" minflok "unità legali", u "unità ta' tip ta' l-attività (KAU)" minflok "stabbiliment". L-Eurostat beda jinforza l-konformità mar-regolament fl-2015. Xi Stati Membri għadhom fil-proċess li jimplimentaw l-unità għdida tal-istatistika. Fl-ewwel sena li huma jagħmlu dan, il-bidliet bilfors ikollhom impatt fuq id-*data* u jikkawżaw waqfa fis-serje kronoloġika. Ma sibna l-ebda evidenza li l-Eurostat kien talab il-metodoloġiji tal-Istati Membri biex b'hekk ikun jista' jwettaq analiżi bir-reqqa ta' xogħolhom f'dan ir-rigward, jew li kien ħa xi azzjoni oħra.

Kawżi tal-mewt

- Għalkemm ċertifikati elettroniċi tal-mewt ikunu jippermettu rappurtar aktar rapidu ta' mwiet, għadhom jintużaw ċertifikati stampati f'Ċipru, fl-Italja u, parzjalment, fil-Finlandja (85 %). L-istituti nazzjonali tal-istatistika jiġbruhom u jipproċessawhom bl-użu ta' Iris, li hija sistema ta' kodifikazzjoni awtomatizzata u li għandha l-għan li ttejjeb il-komparabbiltà internazzjonali. Fl-Italja, l-20% taċ-ċertifikati rifjutati minn Iris (120 000 kull sena) jiġu kodifikati b'mod manwali minn tim ta' esperti, u f'Ċipru ċ-ċertifikati kollha jiġu kodifikati b'mod manwali. Il-kodifikazzjoni manwali taċ-ċertifikati tkabbar ir-riskju ta' żball.

50 Aħna eżaminajna jekk l-Eurostat analizzax il-konformità mal-oqfsa kunċettwali u l-grad tal-**kumparabbiltà** u tal-**koerenza** tad-*data*, u sibna dgħufijiet fl-oqfsa tematiċi kollha koperti mill-awditu li wettaqna (ara l-**Kaxxa 2**).

Kaxxa 2

Eżempji ta' dgħufijiet li jolqtu l-kumparabbiltà tad-*data*

Stħarriġ dwar il-forza tax-xogħol

- Id-dettall tal-kwestjonarji tal-LFS li ntużaw fil-ħames Stati Membri li analizzajna jvarja. Aħna ma rċevajna l-ebda evidenza dokumentarja li l-Eurostat analizza b'mod xieraq kif il-kwestjonarji kkonformaw mal-varjabbli obbligatori. Bir-regolament qafas il-ġdid li ilu fis-seħħ mill-2021, l-Eurostat beda jaħdem lejn l-identifikazzjoni u t-tiswija ta' dawn id-dgħufijiet.

Statistika strutturali tan-negozju

- Il-fatt li l-Istati Membri adottaw l-unità l-ġdida ta' "intrapriża" fi żminijiet differenti kellu impatt fuq id-*data* mhux biss bejn il-pajjiżi, iżda anke matul iż-żmien. Il-fajl tal-metadata tal-Eurostat u r-rapporti tal-kwalità tal-Istati Membri jirreferu għal waqfiet fis-serje kronoloġika minħabba l-introduzzjoni tal-unità ta' "intrapriża". L-Eurostat ma talabx kalkoli mill-ġdid tad-*data* tas-snin preċedenti, b'kont meħud tal-unità l-ġdida tal-istatistika, biex jiżgura l-kumparabbiltà matul iż-żmien.

Nefqa fuq is-saħħa


- Jenħtiegħ li n-nefqa ta' fornituri mhux tas-suq (prinċipalment produtturi tal-kura tas-saħħa pubblika) tkun valwata bl-użu tal-approċċ tal-ispejjeż li jinkludi l-konsum ta' kapital fiss u l-ispejjeż kollha tal-produzzjoni fuq bażi tad-dovuti. Mill-ħames Stati Membri fil-kampjun tagħna, l-Italja biss tieħu dan l-approċċ, billi tuża *data* mill-kontijiet nazzjonali, u dan jiżgura li dawn l-entitajiet ikunu valwati b'mod korrett.

51 Sibna wkoll li d-*data* dwar il-"kawżi tal-mewt" tippreżenta differenzi sinifikanti, u dan jindika li, minkejja għadd ta' linji gwida dwar l-armonizzazzjoni, mhijiex kodifikata bl-istess mod fl-Istati Membri kollha. Il-**Figura 8** turi l-kumparabbiltà fqira tad-*data* dwar il-"kawżi tal-mewt" għad-dimensja: din turi differenzi sinifikanti fil-mod ta' kif l-Istati Membri jikkodifikaw id-dimensja, li hija waħda mill-aktar mardiet għaljin¹⁹ u t-

¹⁹ El-Hayek, Y., *Tip of the Iceberg: Assessing the Global Socioeconomic Costs of Alzheimer's Disease and Related Dementias and Strategic Implications for Stakeholders*, Journal of Alzheimer's Disease, 70, 2019, pp. 323-341.

tieni kawża ewlenija tal-mewt f'pajjiżi b'introjtu għoli²⁰. Barra minn hekk, għalkemm il-marda tal-Alzheimer globalment tirrappreżenta 60-70 % tal-każijiet kollha ta' dimenzja²¹, is-sehem tagħha taħt il-kategorija “dimenzja” f'“kawżi tal-mewt” kien ivarja fl-2018 minn 3.4 % f'Malta sa 99.9 % fir-Rumanija. Sibna wkoll disparitajiet għoljin fis-sehem ta' mwiet minħabba mard respiratorju bħall-pulmonite u l-influwenza.

Figura 8 – Dimenzja, bil-marda tal-Alzheimer inkluża, bħala kawża tal-mewt - eżempju ta' kumparabbiltà limitata (rata tal-imwiet standardizzata, l-2018 għall-kull 100 000 abitant)



NB: ibbażat fuq il-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard (ICD-10). Il-marda tal-Alzheimer u gruppi oħra ta' dimenzja jinkludu G30 (Alzheimer) u F01-F03 (dimenzja oħra). Franza ma ppreżentatx *data* għall-2018 (51 fl-2017).

Sors: il-QEA, ibbażat fuq l-Eurostat, *data* dwar CoD.

52 Id-disparitajiet fl-eżiti fil-qasam tas-saħħa jistgħu jiġu attribwiti mhux biss għal differenzi fis-sistemi tal-kura tas-saħħa jew fil-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-popolazzjoni, iżda wkoll għall-prattiki ta' kodifikazzjoni nazzjonali u/jew awtomatizzati, li jaf iwasslu għal *data* mhux kumparabbli.


53 Fl-istatistika, it-**tempestività** u l-**puntwalità** huma importanti għal teħid ta' deċizzjonijiet effettivi. Għat-tliet oqsma awditjati, ir-regolamenti settorjali jagħtu perjodi ta' referenza u dati speċifiċi li l-Istati Membri jridu jżommu magħhom biex

²⁰ Il-WHO, *The top 10 'causes of death'*, id-9 ta' Diċembru 2020.

²¹ Il-WHO, *Dementia: Key facts*, it-2 ta' Settembru 2021.

jippreżentaw *data* u rapporti tal-kwalità/fajls tal-metadata lill-Eurostat (ara l-**Figura 9**).
 Ħafna Stati Membri jippreżentaw *data* biss jekk u kif meħtieġ mir-regolamenti.

Figura 9 – Dati ta' skadenza għall-preżentazzjoni tad-*data* tal-Istati Membri



Sors: il-QEA.

54 Kif jidher fil-**Figura 9**, l-istatistika f'xi oqsma jaf tiġi ppreżentata sa 24 xahar wara l-perjodu ta' referenza, u dan il-fatt inaqqas il-benefiċċju tagħha għall-utenti. Fl-2018, l-2019 u l-2020, sitt, disa' u tmien Stati Membri biss rispettivament bagħtu b'mod volontarju *data* dwar in-nefqa fuq is-saħħa fi żmien erba' xhur minn tmiem is-sena ta' referenza, u dan jikkorrispondi għal *data* aktar f'waqtha. Barra minn hekk, meta jitfaċċaw ħtiġijiet ġodda, l-ESS ma għandhiex il-flessibbiltà proċedurali meħtieġa biex tirispondi b'mod rapidu b'settijiet ta' *data* ġodda. Dan sar evidenti b'mod partikolari f'rabta mal-COVID-19, li għaliha d-*data* ma kinitx disponibbli fil-pront għall-istatistika dwar is-saħħa u n-negozju. Fir-rigward tad-*data* dwar il-kawżi tal-mewt inpartikolari, kien meħtieġ li jinstabu modi alternattivi għall-kalkolu tar-rati tal-imwiet, jiġifieri li tiġi organizzata ġabra ta' *data* fuq bażi volontarja dwar imwiet fil-ġimgħa biex ikun hemm lok għal kalkolu tal-mortalità eċċessiva ta' kull xahar (ara l-**Anness V**).

55 Aħna osservajna nuqqasijiet fil-puntwalità fl-oqasma kollha tal-istatistika koperti mill-awditu li wettaqna. Dewmien fit-twassil tad-*data* li hija diġà skaduta jrendi l-proċess kollu kemm hu ineffettiv mil-perspettiva li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-utenti. L-informazzjoni disponibbli dwar id-dati reali tal-preżentazzjonijiet mill-Istati Membri jipprovdu evidenza tad-dewmien fl-LFS u l-istatistika tas-saħħa b'rabta mad-dati ta' skadenza legali. Eżempji ta' dewmien fl-istatistika tas-saħħa huma pprovduti fil-**Kaxxa 3**. L-ebda informazzjoni ta' dan it-tip ma kienet disponibbli għall-istatistika strutturali tan-negozju, u b'hekk ma stajniex nivvalutaw is-sitwazzjoni f'dak il-qasam.

Kaxxa 3

Eżempji ta' dewmien fil-preżentazzjoni tad-*data*

Nefqa fuq is-saħħa

- Fiċ-ċikli ta' ġbir ta' *data* tal-2018 u l-2019 (is-snin ta' referenza 2016 u 2017), Stat Membru wieħed bagħat l-informazzjoni meħtieġa bis-sħiħ 44 jum tard. L-ebda dewmien ieħor ma qabeż is-17-il jum.
- Is-sitwazzjoni kienet aġġar fl-2020 meta tmien Stati Membri ma laħqux id-*data* ta' skadenza għall-preżentazzjoni. Id-dewmien kien ivarja bejn 21 u 75 jum.

Kawżi tal-mewt

- Fl-2018 (is-sena ta' referenza 2016), tliet Stati Membri bagħtu d-*data* meħtieġa wara d-*data* ta' skadenza. Fajls tal-metadata kienu meħtieġa, iżda tliet Stati Membri ppreżentawhom tard u sebgħa ma bagħtuhomx.
- Fl-2019 u l-2020 (is-snin ta' referenza 2017 u 2018), 13-il Stat Membru kienu kapaċi jibgħatu *data* fi żmien 18-il xahar. Tlieta bagħtu d-*data* wara d-*data* ta' skadenza u ma bagħtux il-fajls tal-metadata meħtieġa. Franza, notevolment, ma ppreżentatx *data* għall-2017 qabel Settembru 2021 (dewmien ta' 21 xahar) u għadha ma bagħtitx id-*data* għall-2018 u l-2019. Kien biss wara 12 u 14-il xahar rispettivament, li l-Eurostat bagħat ittri lil Franza għal nuqqas ta' konformità mar-regolament.

Affarijiet tas-saħħa mhux relatati man-nefqa

- Fl-2018, 10 Stati Membri, inkluż ir-Renju Unit, wasslu tal-inqas l-1 verżjoni tal-kwestjonarju dwar id-*data* wara d-*data* ta' skadenza miftiehma, filwaqt li 4 kienu tard bil-kwestjonarju finali biss.

- FI-2019 u I-2020, 19 u 11-il Stat Membru, rispettivament, ippreżentaw id-*data* tagħhom (tal-inqas kwestjonarju wieħed) u fajls tal-metadata wara d-*data* ta' skadenza.

56 Meta jkun qed jagħmel kumpilazzjoni tal-aggregati tal-UE, jenħtiegħ li l-Eurostat jistma d-*data* tal-Istati Membri fejn meħtiegħ. Aħna sibna li ta' spiss l-Istati Membri ma kinux jipprovdu *data* għat-tliet oqsma tematiċi fl-awditu li wettaqna, jew li huma rrapportaw tard. Fejn dan ikun il-każ (pereżempju affarijiet tas-saħħa mhux relatati man-nefqa, u statistika strutturali tan-negozju), l-Eurostat uża stimi bl-iskop li jikseb aggregat tal-UE. Eċċezzjoni waħda kienet l-aggregat tal-UE dwar “kawżi tal-mewt” għall-2018, li ma kienx prodott għaliex l-Eurostat ma għamilx stima għal Franza (ara l-[Kaxxa 3](#)).

Informazzjoni armonizzata u l-indikaturi tal-monitoraġġ huma nieqsa mir-rappurtar lill-Parlament u lill-Kunsill

57 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni hija meħtieġa tirrapporta lill-Parlament u lill-Kunsill dwar il-kwalità tal-istatistika li hija tiddissemina, kull tliet snin, bl-eċċezzjoni tal-istatistika tas-saħħa. Aħna analizzajna ż-żewġ rapporti l-aktar reċenti li ntbagħtu, li kienu jirrigwardaw l-LFS u l-istatistika strutturali tan-negozju. Sibna li l-livell ta' dettall kien differenti fiż-żewġ rapporti u l-informazzjoni ma kinitx suffiċjenti biex tinkiseb stampa ċara tad-dgħufijiet li kienu jeżistu (ara l-[Kaxxa 4](#)).

Kaxxa 4

Dgħufijiet fir-rappurtar dwar il-kwalità lill-Parlament u lill-Kunsill

Stħarriġ tal-forza tax-xogħol – Rapport 2019

- Informazzjoni dwar xi miżuri ta' preċiżjoni, iżda l-ebda analiżi kumparattiva għall-perjodu 2014-2017.
- Kien hemm tabella li turi l-għadd ta' jiem kalendarji bejn tmiem is-sena ta' referenza u d-disseminazzjoni mill-Eurostat tad-*data* nazzjonali, iżda ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ta' liema Stati Membri pprovdeu id-*data* u meta pprovdewha.
- L-ebda informazzjoni dwar l-istatistika tal-aċċess għall-mikrodata, iċ-ċarezza tas-siti web, jew liema Stati Membri kellhom waqfiet fis-serje kronoloġika.

Statistika strutturali tan-negozju – Rapport 2021

- L-Istati Membri jiġu raggruppati f'kategoriji skont il-grad ta' konformità, iżda ma hemm l-ebda informazzjoni dwar il-kriterji ta' raggruppament, u l-Istati Membri f'kull kategorija mhumiex imsemmija.
- L-ebda informazzjoni li tidentifika l-Istati Membri li rrapportaw tard, jew li tagħti t-tul tad-dewmien.
- L-ebda referenza għal problemi possibbli ta' kumparabbiltà minħabba l-introduzzjoni tal-unità tal-istatistika ġdida "intrapriża".
- L-ebda informazzjoni dwar il-potenzjal għal sforzi biex jittejbu l-ħtiġijiet tal-utenti, bħal *data* aktar f'waqtha u d-disponibbiltà ta' sett ta' *data* għall-SMEs kif iddefinit mill-UE.

58 L-ebda wieħed mir-rapporti ma uża indikaturi dettaljati ta' monitoraġġ biex juri l-progress tal-LFS u r-regolamenti dwar l-istatistika strutturali tan-negozju. Indikaturi xierqa huma meħtieġa għal kull output tal-istatistika biex jippermettu monitoraġġ xieraq tal-implimentazzjoni tar-regolament u l-kompilazzjoni ta' informazzjoni armonizzata dwar il-kwalità tad-*data*.

Il-proċeduri ta' disseminazzjoni mhumiex armonizzati b'mod suffiċjenti

59 Biex jiġu żgurati l-**aċċessibbiltà** u **ċ-ċarezza** fid-disseminazzjoni tal-istatistika, jenħtieġ li l-Eurostat, fost l-oħrajn, ikollu proċeduri bil-miktub stabbiliti xierqa, b'politika ta' rilaxx u kalendarju ta' rilaxx²². Jenħtieġ li l-politika ta' rilaxx tiddistingwi bejn tipi differenti ta' pubblikazzjonijiet u ripartizzjonijiet, u jenħtieġ li l-kalendarju ta' rilaxx u l-politika u l-kalendarju ta' reviżjoni jsiru disponibbli għall-pubbliku bil-quddiem.

60 Id-dokumenti li eżaminajna juru li l-Eurostat stabbilixxa sett ta' għodod u proċeduri, bħal regoli editorjali, li huwa japplika għall-proċess ta' disseminazzjoni. Madankollu, ma hemmx regoli li jstabbilixxu skeda ta' żmien mill-ġbir sal-pubblikazzjoni tad-*data* mill-Eurostat, inkluż l-istabbiliment ta' rekwiżit għall-pubblikazzjoni kollha tad-*data* tal-Istati Membri fl-istess data. Minn nofs l-2021 'il hawn, l-Eurostat żviluppa u ppubblika kalendarju ta' rilaxx annwali għal prodotti ewlenin skont is-CoP.

²² Kif ġie elaborat fis-CoP 2017.

61 Aħna vverifikajna d-dati ta' pubblikazzjoni tal-LFS u d-*data* dwar in-nefqa fuq is-saħħa, li kienu l-uniċi fajls disponibbli għalina. Matul il-perjodu 2018-2020, mhux id-*data* kollha tal-LFS tal-Istati Membri ġiet disseminata fl-istess data mill-Eurostat. L-istess kien japplika għad-*data* dwar in-nefqa fuq is-saħħa, għaliex xi wħud mill-Istati Membri (ara l-paragrafu **54** u l-*Kaxxa 3*) ippreżentaw id-*data* tard u rrispondew tard għall-mistoqsijiet tal-Eurostat waqt il-proċess ta' validazzjoni. Dewmien fid-disseminazzjoni tawwal il-perjodu bejn is-sena ta' referenza u d-data tal-pubblikazzjoni.

62 Skont is-CoP, l-Eurostat żviluppa u ppubblika kalendarju ta' rilaxx annwali għal prodotti ewlenin għall-2022. Madankollu, fir-rigward tat-tliet oqsma tematiċi fl-awditu li wettaqna, ċerti dettalji (indikaturi, ripartizzjoni skont il-livell ta' klassifikazzjoni, perjodi ta' referenza, elementi li għaddejnin minn reviżjoni, eċċ.) ma jiġux ippubblikati.

63 Skop wieħed ta' politika u kalendarju ta' reviżjonijiet huwa li l-utenti jiġu infurmati dwar l-impatt prevedibbli tal-bidliet ippjanati fuq il-kumparabbiltà, u b'hekk jgħammruhom aħjar għall-previżjoni u l-immaniġġjar tal-waqfiet fis-serje kronoloġika (ara l-*Anness III*). Aħna sibna li l-Eurostat aġġorna d-*data* kif bdew jidħlu l-preżentazzjonijiet u fejn kienu meħtieġa reviżjonijiet u tiswijiet. L-Eurostat ma għandux politika ta' reviżjonijiet ġenerali, iżda ġew żviluppati politiki speċifiċi għal oqsma bħall-istatistika tan-negozju. F'oqsma oħrajn, bħal "nefqa fuq is-saħħa" u "kawżi tal-mewt" id-data tiġi riveduta iżda mhijiex suġġetta għal politika komuni; ir-reviżjonijiet jiddependu mill-politika ta' kull Stat Membru.

Aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin jista' jikkomprometti l-ugwaljanza u jippermetti rivelazzjonijiet ta' informazzjoni

64 Sabiex tinbena l-fiduċja fl-istatistika uffiċjali, kemm il-qafas legali tal-UE kif ukoll il-prinċipji tal-istatistika internazzjonali jistipulaw li l-utenti kollha jridu jiġu trattati b'mod indaqs²³. Il-linji gwida internazzjonali rilevanti huma saħansitra aktar espliċiti, fis-sens li huma jirreferu wkoll għal aċċess simultanju (ara l-*Anness III*).

65 Fl-evalwazzjoni bejn il-pari tal-2014, l-ESGAB qies li kien hemm każ b'saħħtu għal projbizzjoni sħiħa fuq ir-rilaxx qabel il-ħin u rakkomanda investigazzjoni sħiħa tal-

²³ L-Artikoli 2 u 18(1) tar-Regolament Nru 223/2009, kif emendat; l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2012 dwar l-Eurostat u prinċipji kodifikati tan-NU (United Nations Fundamental Principles of Official Statistics u Principles Governing International Statistical Activities).

impatt ta' azzjoni ta' dan it-tip (ara l-[Annex VI](#): I-2014/11). Minn dak iż-żmien 'il hawn, l-ESGAB ifformula erba' rakkomandazzjonijiet oħra dwar, fost l-oħrajn, tnaqqis fil-frekwenza u l-għadd tal-istatistika suġġetta għal rilaxx qabel il-ħin u dwar l-armonizzazzjoni u t-trasparenza ta' prattiki ta' rilaxx qabel il-ħin fost is-sħab tal-ESS (I-2015/5, 2015/6, I-2015/7, I-2018/1²⁴). Aħna osservajna li l-Eurostat għamel xi progress fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Fl-2021, l-ESGAB talab lill-Eurostat iwettaq rieżaminar kritiku tal-prattika tiegħu li jirrilaxxa l-istatistika qabel il-ħin fi ħdan il-Kummissjoni (ara l-[Annex VI](#): I-2021/4). B'rispons għal dan, l-Eurostat qabel li jagħti ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni attwali tal-*memoranda* ta' qbil li kienu jeżistu mad-dipartiment l-oħra tal-Kummissjoni.

66 Aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin huwa ġustifikat fil-livell tal-ESS abbażi tas-CoP²⁵. L-Eurostat jipprovdi aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin għal ċerta *data* ewlenija lill-maniġment superjuri tiegħu stess, lid-DĠ Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, lid-DĠ EMPL u l-BĊE, kif ukoll lill-media. Aġenziji akkreditati tal-aħbarijiet jirċievu stqarrijiet għall-istampa bil-quddiem taħt embargo permezz ta' mezzi elettronici²⁶. B'kuntrast ma' dan, l-istitut nazzjonali tal-istatistika Taljan jipprovdi aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin biss matul laqgħa għall-ġurnalisti mingħajr kuntatt minn barra (is-sistema "lock-up")²⁷. Aħna nqisu li l-arranġament tal-Eurostat ma jiżgurax l-assenza ta' rivelazzjonijiet ta' *data*.

67 Aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin għal *data* makroekonomika tal-UE toħloq ir-riskju ta' approfittar ekonomiku minn dawk li jiksbu aċċess bikri (ara l-[Kaxxa 5](#)). L-għażla ta' aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin tista' toħloq opportunitajiet għal benefiċċju ekonomiku li jista' joħloq distorsjoni serja tas-swieq.

²⁴ ESGAB's Annual Report 2015 u Opinion of the ESGAB concerning the implementation of the Commission's commitment on confidence (2018).

²⁵ Il-Prinċipju 6: "L-utenti kollha jkollhom aċċess għall-istqarrijiet tal-istatistika fl-istess ħin. Kwalunkwe aċċess privileġġat lil utent estern għal materjal li jkun għadu ma ġiex rilaxxat ikun limitat, ġustifikat kif dovut, ikkontrollat u pubbliċizzat".

²⁶ Protocol on impartial access to Eurostat data for users, Jannar 2014.

²⁷ ISTAT, Embargo: a policy for transmitting correct information.

Kaxxa 5

Riċerka dwar l-impatt potenzjali ta' rilaxx qabel il-ħin fuq is-swieq kapitali

Analiżi mwettqa fl-**Iżvezja**, fejn ma hemmx aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin, dwar *data* tan-negozjar bejn Jannar 2011 u Marzu 2017 sabet li l-krona Żvediża ma wriet l-ebda fluttwazzjoni jew sinjal ta' moviment qabel ir-rilaxx ta' *data* makroekonomika uffiċjali.

Fir-**Renju Unit**, fejn kien hemm aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin f'livell wiesa', analiżi ta' *data* tan-negozjar bejn April 2011 u Diċembru 2016 uriet li l-lira mxiet drastikament fis-siegħa qabel ma d-*data* għet rilaxxata. B'riżultat ta' dan, f'Lulju 2017 l-istitut nazzjonali tal-istatistika tar-Renju Unit iddeċieda li jpoġġi restrizzjonijiet akbar fuq ir-rilaxx qabel il-ħin.

Analiżi ta' *data* tan-negozjar mill-2012 sal-2017 fil-**Ġermanja**, fejn ukoll kien hemm aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin f'livell mifruq, żvelat li l-futuri tal-munita tal-Euro mxew aktar mis-soltu fit-30 minuta qabel ma d-*data* għet rilaxxata. B'riżultat ta' dan, f'Diċembru 2017 l-istitut nazzjonali tal-istatistika Ġermaniż iddeċieda li jirrestrinġi l-aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin lill-aġenziji tal-aħbarijiet.

Fl-aħħar nett, fl-**Istati Uniti**, fejn hemm aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin, analiżi tal-2016 ta' *data* tan-negozjar bejn Jannar 2008 u Marzu 2014 uriet evidenza ta' negozjar infurmat f'livell sostanzjali qabel iż-żmien tar-rilaxx uffiċjali ta' tħabbir makroekonomiku tal-Istati Uniti.

Sors: Kurov, A. et al., *Price drift before U.S. macroeconomic news: private information about public announcements?*, Working Paper Series No 1901, il-BĊE, l-2016; Kurov, A. et al., *Drift Begone! Release Policies and Preannouncement Informed Trading*, 2021; Georgiou, A., *Prerelease access to official statistics is not consistent with professional ethics*, Statistical Journal of the IAOS, il-vol. 36, nru 2, p. 313-325, l-2020; Georgiou, A., *Pre-release access to official statistics is not consistent with professional ethics: Some additional reflections*, Statistical Journal of the IAOS, il-vol. 38, nru 1, pp. 321-329, l-2022.

68 Għall-iskopijiet ta' trasparenza, l-aħjar prattika internazzjonali tirrakkomanda li l-istqarrijiet għall-istampa jkunu akkumpanjati minn lista ta' aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin. Madankollu, is-sit web tal-Eurostat ma jipprovdi informazzjoni komprensiva dwar l-utenti u l-postijiet deżinjati kollha li jibbenefikaw mill-aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin.

69 Fl-ESS, mill-inqas 10 pajjiżi (l-Ċekja, id-Danimarka, il-Kroazja, l-Italja, il-Polonja, is-Slovenja, il-Finlandja, l-Iżvezja, l-Iżlanda u n-Norveġja) abolixxew il-prattika li jiġi pprovdut aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin lill-gvernijiet u/jew lill-media. Il-prattiki ta' rilaxx qabel il-ħin fi ħdan l-ESS, għalhekk, jibqgħu mhux armonizzati (ara l-paragrafu **65**).

Il-potenzjal tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari biex iwasslu titjib ma ġiex sfruttat bis-sħiħ

70 L-evalwazzjonijiet bejn il-pari jintużaw mill-Eurostat u mis-sistemi nazzjonali tal-istatistika biex tiġi vvalutata l-konformità kumplessiva mas-CoP, li huwa l-pedament tal-qafas tal-kwalità komuni għall-ESS. Is-sistemi nazzjonali tal-istatistika jiġu evalwati bejn il-pari minn tim ta' esperti, u l-ESGAB iwettaq l-evalwazzjoni bejn il-pari fir-rigward tal-Eurostat. Minn mindu s-CoP ġie adottat għall-ewwel darba fl-2005, l-ESS organizzat tliet ċikli ta' evalwazzjonijiet bejn il-pari awtoregolati; li jfisser li d-deċiżjonijiet li jikkonċernawhom jittieħdu internament mill-Kumitat tal-ESS (ara l-[Figura 2](#)). Fit-taqsimiet li ġejjin, neżaminaw jekk:

- (a) il-Kummissjoni implimentatx b'mod effettiv ir-rakkomandazzjonijiet tat-tieni evalwazzjoni bejn il-pari;
- (b) il-monitoraġġ mill-Eurostat tal-progress li sar mis-sistemi nazzjonali tal-istatistika għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tat-tieni evalwazzjoni bejn il-pari kienx effettiv; u
- (c) it-tfassil tat-tielet ċiklu ta' evalwazzjonijiet bejn il-pari tas-sistemi nazzjonali tal-istatistika huwiex adegwat għall-użu.

Il-Kummissjoni għamlet progress tajjeb fil-biċċa l-kbira mir-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari

71 Biex jiġi żgurat li r-rakkomandazzjonijiet tal-ESGAB ikollhom impatt massimu, huwa importanti li l-Kummissjoni timplimentahom fil-pront u bis-sħiħ kemm jista' jkun. Jekk dan ma jsirx, jenħtieġ li hija tipprovdi ġustifikazzjoni xierqa f'konformità mal-linji gwida internazzjonali tal-istatistika, mar-rakkomandazzjonijiet u mal-aħjar prattiki.

72 Fl-2014, l-ESGAB wettaq it-tieni evalwazzjoni bejn il-pari tal-Eurostat u ħareġ 16-il rakkomandazzjoni li jindirizzaw 6 oqsma prinċipali: il-leġiżlazzjoni li fuqha huma bbażati l-proċeduri għall-ħatra u s-sensja tal-maniġment superjuri; l-arkitettura tal-leġiżlazzjoni tal-istatistika; il-koerenza tal-istatistika Ewropea; id-disseminazzjoni; il-komunikazzjoni u l-utenti; u l-koordinazzjoni (ara l-[Anness VI](#)). B'rispons għal dan, l-Eurostat żviluppa pjan ta' implimentazzjoni li fih 20 azzjoni ta' titjib²⁸.

²⁸ ESGAB's recommendations and Eurostat's improvement actions in response to the recommendations.

73 Aħna sibna li l-Kummissjoni għamlet progress tajjeb fil-maġġoranza tar-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari, b'mod partikolari dawk rigward l-arkitettura leġiżlattiva, kif ukoll rigward il-komunikazzjoni u l-utenti. Madankollu, xi rakkomandazzjonijiet ewlenin fl-oqsma tal-indipendenza u l-imparzjalità (leġiżlazzjoni dwar il-ħatra u s-sensja tal-maniġment superjuri; u aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin – ara l-paragrafi **64-69**) ma ġewx aċċettati u/jew ma ġewx indirizzati b'mod effettiv²⁹.

74 Fl-evalwazzjoni bejn il-pari tal-2014, l-ESGAB ħareġ erba' rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw il-firxa sħiħa tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar ir-reklutaġġ, il-ħatra u s-sensja tal-maniġment superjuri tal-Eurostat (ara l-**Anness V**: l-2014/1 - l-2014/4). Madankollu, l-Eurostat ma aċċettax dawn ir-rakkomandazzjonijiet u ma ppropona l-ebda azzjoni ta' titjib korrispondenti. L-Eurostat iddikjara li r-rakkomandazzjonijiet jew marru lil hinn mis-CoP (l-2014/1, l-2014/2 u l-2014/4) jew inkella ġew indirizzati b'mod suffiċjenti fil-qafas legali tal-UE (l-2014/3). Fl-evalwazzjoni bejn il-pari li kien imiss (l-2021), l-ESGAB tenna għadd ta' rakkomandazzjonijiet li kien għamel f'dan il-qasam (ara l-**Anness VI**: l-2021/1 u l-2021/2), li kienu għadhom ma ġewx aċċettati.

75 Fl-2012, aħna rrakkomandajna wkoll dan li ġej³⁰: *“Sabiex tikseb implimentazzjoni sħiħa tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea l-Kummissjoni għandha: [...] (d) ittejjeb l-indipendenza professjonali tal-Kap Statistiku tal-Unjoni Ewropea billi taħtru/taħtarha għal mandat ta' żmien fiss wara li tkun irċeviet opinjoni favorevoli mill-ESGAB u awtorizzazzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.”* Minkejja l-appoġġ mill-Parlament Ewropew, ir-rakkomandazzjoni tagħna ma ġietx implimentata, billi l-Kummissjoni qieset li l-qafas legali eżistenti kien xieraq u s-salvagwardji neċessarji kienu diġà stabbiliti.

Il-valutazzjoni li l-Eurostat wettqet rigward l-implimentazzjoni, mill-Istati Membri, tal-azzjonijiet ta' titjib tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari hija bbażata fuq il-fiduċja reċiproka fost l-awtoritajiet tal-istatistika

76 Ir-rwol ta' koordinazzjoni tal-Eurostat jinkludi l-monitoraġġ effettiv tar-rakkomandazzjonijiet li saru lill-Istati Membri b'riżultat tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari esperti. Wara t-tieni evalwazzjoni bejn il-pari (2013-2015), l-Eurostat uża kwestjonarji annwali għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni mill-istituti nazzjonali tal-istatistika rigward azzjonijiet ta' titjib miftiehma (2016-2019). Bħala prinċipju ġenerali, l-eżerċizzju ta' monitoraġġ kollu kemm hu kien fil-biċċa l-kbira bbażat fuq il-fiduċja,


²⁹ Ir-Rapport Annwali tal-ESGAB tal-2021.

³⁰ Ir-Rapport Speċjali 12/2012 tal-QEA:

peress li azzjonijiet ta' titjib ġew implimentati taħt ir-responsabbiltà tal-istituti nazzjonali tal-istatistika, li kellhom jiżguraw li kienu xierqa, kompleti u dokumentati b'mod adegwat. Kien biss għall-aħħar ċiklu ta' monitoraġġ, fl-2019, li l-Eurostat għamel sforz biex jivverifika l-progress irrappurtat billi baġhat talbiet ta' kjarifika lill-Istati Membri.

77 Il-**Figura 10** turi l-progress tal-istituti nazzjonali tal-istatistika matul iż-żmien lejn l-ikkompletar tal-azzjonijiet ta' titjib li rriżultaw mit-tieni evalwazzjoni bejn il-pari. Skont ir-rapport ta' monitoraġġ l-aktar reċenti disponibbli, 155 minn 910 azzjonijiet identifikati (17 %) kienu għadhom mhux kompleti fi tmiem l-2019 (ara l-**Anness VII** għal ripartizzjoni dettaljata).

Figura 10 – Ikkompletar tal-azzjonijiet ta' titjib mill-2016 'il hawn



NB. Id-*data* tal-2019 tinkludi 18-il azzjoni “magħluqa” għaliex ma kien ippjanat l-ebda xogħol ulterjuri. Mill-173 azzjoni mhux kompleta, 8 kienu fir-Renju Unit u ma kien hemm disponibbli l-ebda informazzjoni ulterjuri dwar l-istatus tagħhom.

Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

78 Aħna sibna li l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' titjib kienet imfixkla meta din kienet tiddependi minn korpi 'l barra mill-istitut nazzjonali tal-istatistika, jew meta r-rieda u/jew l-appoġġ politiċi kienu nieqsa. Azzjonijiet ta' dan it-tip tipikament kienu jinvolvu bidliet leġiżlattivi (eż. dwar il-ħatra u s-sensja tal-kapijiet tal-istituti nazzjonali tal-istatistika, l-aċċess għal *data* amministrattiva, il-ħolqien ta' korpi ta' sorveljanza) iżda xi wħud kienu jikkonċernaw riżorsi umani jew finanzjarji jew saħansitra żvilupp fl-IT.

79 Fl-Italja u l-Finlandja, il-proċess leġiżlattiv waqaf, u hemm azzjonijiet li għadhom ma ġewx ikkompletati wara perjodu ta' aktar minn seba' snin wara t-tieni evalwazzjoni bejn il-pari. Fil-Kroazja u Ċipru, il-bidliet leġiżlattivi meħtieġa saru wara dewmien konsiderevoli ta' madwar ħames snin. Rappreżentanti għolja ta' partijiet ikkonċernati ewlenin (ministeri, parlament) ma kinux involuti kmieni biżżejjed fil-proċess ta'

evalwazzjoni bejn il-pari biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ewlenin rigward kwistjonijiet ta' stabbiliment istituzzjonali u governanza (indipendenza professjonali).

80 Minbarra l-indipendenza professjonali, għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-istatistika tagħhom, l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jeħtieġu riżorsi umani, finanzjarji u tekniċi adegwati (ara l-[Anness III](#)). Aħna eżaminajna r-rapporti annwali tal-ESGAB, l-evalwazzjonijiet bejn il-pari tal-Istati Membri u l-informazzjoni dwar ir-riżorsi, u staqsejna lill-ħames pajjiżi fil-kampjun tagħna u partijiet ikkonċernati oħra għall-fehmiet tagħhom dwar il-governanza fis-sistemi nazzjonali tal-istatistika.

81 Sibna li l-indipendenza professjonali għad mhux dejjem tiġi garantita, speċjalment fil-każ tal-ħatra u s-sensja tal-kapijiet ta' istituti nazzjonali tal-istatistika. Billi awtoritajiet nazzjonali oħra s-soltu jkunu parti minn ministeru, l-indipendenza tagħhom tkun saħansitra aktar inċerta. L-osservazzjoni tagħna tikkorrobora s-sejba tal-Eurostat li 25 minn 72 azzjoni ta' titjib (35 %) rigward l-indipendenza professjonali kienu għadhom ma ġewx ikkompletati f'Diċembru 2019 (ara l-[Anness VII](#)).

82 Xi wħud mill-istituti nazzjonali tal-istatistika qasnu magħna t-tħassib tagħhom dwar id-dipendenza finanzjarja tagħhom, u semmew l-insuffiċjenza tar-riżorsi tagħhom fid-dawl tat-talba dejjem tikber għal statistika ġdida u l-ħtieġa għal investiment teknoloġiku sinifikanti. F'dan ir-rigward, f'Novembru 2021, il-Kunsill irrikonoxxa li kemm l-Eurostat kif ukoll is-sistemi nazzjonali jridu jingħataw riżorsi umani u finanzjarji adegwati biex ikunu jistgħu jaħdmu aktar b'sorsi ta' *data* ġodda u teknoloġija diġitali ġdida³¹.

It-tfassil ta' evalwazzjonijiet bejn il-pari tjieb maż-żmien, iżda għad hemm nuqqasijiet importanti

83 L-objettiv tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari huwa li tiġi vvalutata l-konformità tas-sħab tal-ESS mal-prinċipji tas-CoP, li huwa l-pedament tal-qafas ta' kwalità komuni stabbilit biex tiġi żgurata l-kwalità tal-istatistika Ewropea. B'kuntrast ma' dan, il-biċċa l-kbira mis-sistemi mhux Ewropej tal-istatistika l-aktar avvanzati jiġu awtovvalutati biss. Lil hinn mill-konformità, skop ieħor huwa li jiġu pprovduti rakkomandazzjonijiet li jgħinu lill-awtoritajiet tal-istatistika jtejbu u jiżviluppaw is-sistemi tal-istatistika tagħhom. Il-[Figura 11](#) tippreżenta l-istadji ewlenin tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari.

³¹ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-UE kif approvati mill-Kunsill ECOFIN, id-9 ta' Novembru 2012.

Figura 11 – Daqqa t’għajn lejn l-evalwazzjonijiet bejn il-pari



Sors: il-QEA, ibbażat fuq l-Eurostat.

84 It-*Tabella 2* turi kif elementi ewlenin tat-tfassil tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari evolwew maż-żmien. L-ewwel evalwazzjoni bejn il-pari (2005-2007) prinċipalment kellha l-għan li toħloq sensibilizzazzjoni dwar is-CoP u kienet eżerċizzju introdutturju għall-parteċipanti kollha. Madankollu, din kellha dgħufijiet sinifikanti³². It-tieni ċiklu (2013-2015) ittejjeb f'termini ta' tfassil, kien jinkludi esperti esterni u kiseb rikonoxximent internazzjonali akbar. It-tielet ċiklu (2021-2023) implimenta wkoll xi rakkomandazzjonijiet ulterjuri tal-ESGAB. L-Istati Membri fil-kampjun tagħna kienu sodisfatti b'mod ġenerali bl-input tal-Eurostat fil-proċess ta' tfassil u saħqu li huma kienu involuti mill-bidu fit-tfassil tal-metodoloġija.

³² Ara r-Rapport Speċjali 12/2012 tal-QEA: "Il-Kummissjoni u l-Eurostat tejbu l-proċess tal-produzzjoni ta' statistika Ewropea affidabbli u kredibbli?" u r-Rapport Annwali 2011 tal-ESGAB.

Tabella 2 – Aspetti ewlenin tat-tfassil tat-tliet ċikli ta’ evalwazzjonijiet bejn il-pari

	L-ewwel (2005-2007)	It-tieni (2013-2015)	It-tielet (2021-2023)
Approċċ	Approċċ tal-evalwazzjoni bejn il-pari	Approċċ li jixbah lil awditu	Kombinament taż-żewġ approċċi
Kopertura tas-CoP	Parzjali (6 prinċipji)	Sħiħa (15-il prinċipju)	Sħiħa (16-il prinċipju)
Kopertura tas-sistemi nazzjonali tal-istatistika	NSI biss	NSI u sa 3 ONAs	NSI u 3-6 ONAs
Evalwaturi bejn il-pari	Rappreżentanti minn NSIs oħra	Rappreżentanti minn NSIs oħra u espert estern	Rappreżentanti minn NSIs oħra, espert estern u membru tal-Eurostat

*N.B. Mill-2017 'il hawn, is-CoP kellu 16-il prinċipju.

Sors: il-QEA.

85 Waqt il-laqgħat tagħna mal-partijiet ikkonċernati, aħna sibna li hemm kunsens dwar il-fatt li l-evalwazzjonijiet bejn il-pari jeħtieġ li jitwettqu ta’ spiss biżżejjed biex ikun hemm lok għal titjib kontinwu fil-kwalità fl-ESS. Il-perjodu medju bejn it-2 u t-3 ċiklu se jkun ta’ 7.5 snin, u se jkun kważi 10 snin għas-Slovakkja. B’dan l-intervall latent, mhuwiex possibbli li jinqabdu b’mod xieraq l-effetti tal-bidliet bħall-avvanzi teknoloġiċi u sorsi ta’ *data* ġodda li għalihom l-ESS teħtieġ tibqa’ attenta u adattabbli.

86 Biex l-evalwazzjonijiet bejn il-pari jkunu komprensivi u ġusti għall-pajjiżi kollha, huma jeħtieġu wkoll jevalwaw il-karatteristiċi kritiċi ta’ kull sistema nazzjonali tal-istatistika fl-intier tagħha. Madankollu, il-metodoloġija tal-2020 kienet tipprevedi massimu ta’ sitt awtoritajiet parteċipanti nazzjonali oħra għal kull pajjiż, u dan huwa soll arbitrarju li ma jiħux kont tal-grad ta’ kemm il-produzzjoni tal-istatistika Ewropea hija deċentralizzata fi ħdan pajjiż (ara l-[Anness VIII](#)). Barra minn hekk, il-metodoloġija rakkomandata kienet vaga u suġġettiva, u ma applikatx kriterji tal-għażla kumparabbli għall-pajjiżi kollha. Minbarra dan, awtoritajiet parteċipanti nazzjonali oħra jintgħażlu minn istituti nazzjonali tal-istatistika minflok fil-livell tal-UE, kif kienu jeħtieġu l-kredibbiltà u l-konsistenza tal-eżerċizzju. La l-ESGAB u lanqas xi esperti ta’ evalwazzjoni bejn il-pari ma kellhom dritt ta’ opinjoni fl-għażla tal-awtoritajiet nazzjonali oħra.

87 Ħafna istituti nazzjonali tal-istatistika llimitaw l-għadd ta’ awtoritajiet nazzjonali oħra għal tlieta. Dan huwa soll arbitrarju ieħor, li jgħib miegħu r-riskju li jiġu esklużi awtoritajiet nazzjonali ewlenin oħra għall-istatistika Ewropea. Istitut nazzjonali tal-

istatistika saħnsitra ddikjara b’mod espliċitu li l-punt tat-tluq tiegħu kien li jagħżel tliet awtoritajiet nazzjonali oħra biss. Billi ħa dan l-approċċ, huwa ma inkludix l-awtorità nazzjonali oħra responsabbli għal *data* dwar il-“kawżi tal-mewt” – korp li f’sentejn konsekuttivi naqas milli jippreżenta d-*data* meħtieġa lill-Eurostat.

88 L-ESGAB għiet stabbilit biex itejjeb l-indipendenza, l-integrità u l-obbligu ta’ rendikont tal-Eurostat u tal-ESS³³ biex jirrispondu għal dgħufijiet f’sistemi nazzjonali³⁴. Madankollu, ir-rwol tal-ESGAB huwa limitat li jipprovdi lill-Parlament u lill-Kunsill rapport annwali li jinkludi l-valutazzjoni indipendenti tiegħu tal-implimentazzjoni tas-CoP fl-ESS fl-intier tagħha, b’enfasi fuq l-Eurostat aktar milli fuq is-sistemi nazzjonali tal-istatistika. Fl-2012 aħna rrakkomandajna l-iżvilupp ta’ funzjoni superviżorja billi tiġi estiża l-missjoni tal-ESGAB³⁵. Għalkemm għiet aċċettata, ir-rakkomandazzjoni ma għietx implimentata b’mod effettiv.

89 Attwalment, in-natura “awtoregolata” tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari tal-ESS tfisser li t-tfassil tagħhom (it-twaqqit, l-ambitu, l-approċċ, il-proċedura tal-għażla għal awtoritajiet nazzjonali oħra, u l-kompożizzjoni u l-għażla ta’ timijiet esperti) jintlaħaq qbil dwaru permezz ta’ konsultazzjoni fost sħab li jirrappreżentaw firxa ta’ perspettivi nazzjonali aktar milli perspettivi usa’ tal-UE. Minkejja l-indipendenza tiegħu mill-interessi nazzjonali, l-ESGAB ma jiddeċidix dwar aspetti ta’ tfassil ewlenin.

³³ Stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 235/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

³⁴ COM(2005) 217 final u W. Radermacher (2011), European Statistics: People Count.

³⁵ Ir-Rapport Speċjali 12/2012 tal-QEA: “Il-Kummissjoni u l-Eurostat tejbju l-proċess tal-produzzjoni ta’ statistika Ewropea affidabbli u kredibbli?”

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

90 Il-konklużjoni kumplessiva tagħna hija li l-Kummissjoni tipprovdi statistika Ewropea li b'mod ġenerali tkun ta' kwalità suffiċjenti għal dawk li jfasslu l-politika, għan-negozji u għaċ-ċittadini. Madankollu, għad għandhom jiġu indirizzati xi dgħufijiet.

91 Il-pjanijiet strateġiċi tal-Eurostat prinċipalment jirriflettu l-prijoritajiet istituzzjonali stabbiliti fi programmi Ewropea tal-istatistika suċċessivi. Madankollu, dawn jonqsu milli jkejlu l-progress lejn l-issodisfar tal-oġġettivi (ara l-paragrafi [22-23](#)).

92 Fil-kompożizzjoni attwali tiegħu, il-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika, li huwa l-korp rappreżentattiv prinċipali għall-utenti, ma jirrappreżentax b'mod effettiv l-utenti kollha, bħal organizzazzjonijiet internazzjonali u l-opinjonijiet kollettivi tal-komunità akkademika u tar-riċerka. Barra minn hekk, il-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika ma għamilx progress sinifikanti fir-relazzjonijiet tiegħu mal-kunsilli nazzjonali tal-utenti. Il-ħtiġijiet tal-utenti mhumiex issodisfati bis-sħiħ, minħabba li hemm lakuni fid-*data* fl-oqsma awditjati. Il-programm Ewropew tal-istatistika mhux dejjem ipprijoritizza l-azzjoni biex jiġu indirizzati dawn il-lakuni sabiex titjeb ir-rilevanza tal-istatistika Ewropea, u l-Eurostat ma japplikax id-definizzjoni ta' SME b'mod korrett (ara l-paragrafi [24-29](#)).

Rakkomandazzjoni 1 – Jiġu ssodisfati aħjar il-ħtiġijiet tal-utenti

Sabiex tissodisfa aħjar il-ħtiġijiet tal-utenti jenħteġ li, lill-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika, il-Kummissjoni tagħmlu aktar inklużiv, permezz ta' rappreżentanza bbilanċjata u effettiva tal-utenti kollha, assistita minn esperti f'dominji speċifiċi.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: l-2023

93 Minkejja finanzjament akbar permezz tal-programm Ewropew tal-istatistika, il-produttjoni ta' statistika Ewropea għadha sserraħ parzjalment fuq finanzjament minn dipartimenti oħra tal-Kummissjoni. Il-finanzjament ipprovdut ikopri fil-biċċa l-kbira l-ħtiġijiet istituzzjonali. Għalkemm xi ftit għotjiet tal-UE jiffinanzjaw proġetti innovattivi, għadd sinifikanti minnhom tassew jiffinanzjaw attivitajiet obbligatorji tal-istatistika; għalhekk il-valur miżjud li l-programm Ewropew tal-istatistika jista' jwassal għall-faċilitazzjoni ta' proġetti innovattivi huwa limitat. Għalkemm għotjiet individwali ġew ivvalutati, b'mod ġenerali ma kienx hemm ġustifikazzjoni tal-valutazzjoni kwalitattiva tar-riżultati, u dan iġib miegħu r-riskju li l-ambitu għas-segwitu jiġi limitat u li s-sostenibbiltà tar-riżultati titnaqqas (ara l-paragrafi [30-34](#)).

Rakkomandazzjoni 2 – Jiġi mmirat it-tiżni tal-indipendenza finanzjarja tal-programm Ewropew tal-istatistika, u jiġu prijoritizzati proġetti innovattivi

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) tivvaluta l-fattibbiltà li l-programm Ewropew tal-istatistika li jmiss iserraħ inqas fuq bosta sorsi ta' finanzjament; u
- (b) tiprijoritizza proġetti innovattivi b'valur miżjud tal-UE ċar.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: l-2024

94 L-Eurostat għandu sistema ta' ġestjoni tal-kwalità xierqa fis-seħħ. L-appoġġ li huwa jagħti lill-Istati Membri huwa fil-biċċa l-kbira xieraq. Madankollu, ma hemm l-ebda linja gwida li tistabbilixxi qafas għall-provvista ta' appoġġ, u l-problemi metodoloġiċi kumplessi jistgħu jieħdu żmien twil biex jiġu solvuti. Dan jolqot diversi dimensjonijiet ta' kwalità tad-*data*, inkluża l-kumparabbiltà (ara l-paragrafi [35-39](#)).

95 Aħna sibna li r-rapporti tal-kwalità li jitwettqu mill-Istati Membri mhux dejjem jikkonformaw mal-linji gwida, u mhumiex armonizzati bejn u fi ħdan il-proċessi statistiċi. Il-livell ta' dettall ivarja bejn l-Istati Membri, u dan jagħmilha diffiċli li l-kwalità tad-*data* tinftiehem u tiġi vvalutata b'mod xieraq. Il-frekwenza tar-rappurtar tal-kwalità tvarja bejn l-attivitajiet tal-istatistika, u r-rappurtar mhumiex obligatorju għalihom kollha. Dawn id-dgħufijiet jirriżultaw f'informazzjoni mhux kompleta għall-utenti (ara l-paragrafi [40-43](#)).

96 L-Eurostat ma ngħatax is-setgħa li jwettaq xogħol ta' verifikazzjoni fuq il-post fit-tliet oqsma li aħna awditjana. Huwa jivvalida d-*data* li tiġi ppreżentata mill-Istati Membri, iżda mhux dejjem jiddokumenta r-riżultat tal-valutazzjonijiet tiegħu b'mod xieraq. Huwa ma jwettaqx valuazzjonijiet fil-fond tad-dimensjonijiet tal-kwalità kollha, bħall-kumparabbiltà u l-koerenza. Ara l-paragrafi [44-52](#)).

97 It-tempestività hija ta' tħassib għall-istatistika tas-saħħa u n-negozju b'mod partikolari, billi xi settijiet ta' *data* jistgħu jiġu ppreżentati minn 14 sa 24 xahar wara s-sena ta' referenza. Minħabba n-nuqqas ta' *data* f'ħin reali għal "kawżi tal-mewt", ir-rati ta' mortalità tal-COVID-19 jiġu stmati b'mezzi alternattivi. Id-dewmien fit-twassil tad-*data* jrendi l-proċess kollu kemm hu ineffettiv għall-utenti. L-Eurostat għandu linji gwida għall-valutazzjoni tal-konformità mar-regolamenti, iżda dawn ma jstabbilux skeda ta' żmien. L-ESS ma għandhiex il-flessibbiltà li tirrispondi malajr. F'każ ta' lakuni

fid-*data* dwar il-“kawżi tal-mewt” fil-livell nazzjonali, l-Eurostat ma għamilx stimi, u b’hekk l-ebda aggregat tal-UE mhuwa disponibbli (ara l-paragrafi [53-56](#)).

98 Fejn meħtieġ mil-leġiżlazzjoni, il-Kummissjoni tippreżenta rapporti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-kwalità tal-istatistika. Madankollu, dawn ma jipprovdux stampa ċara tad-dgħufijiet li jeżistu, u ma għandhomx indikaturi tal-monitoraġġ dettaljati li bihom jistgħu juru l-progress fir-rigward tar-regolamenti. Xi regolamenti settorjali ewlenin, pereżempju dwar is-saħħa, ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta’ dawn ir-rapporti (ara l-paragrafi [57-58](#)).

Rakkomandazzjoni 3 – Jittejbu r-rapporti tal-kwalità li jitwettqu mill-Istati Membri u l-valutazzjoni tal-kwalità tal-istatistika Ewropea

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) tiżgura li r-rapporti tal-kwalità li tirċievi mill-Istati Membri jkunu bbażati fuq standards komuni u jkun fihom informazzjoni kompleta u kumparabbli; u
- (b) twettaq valutazzjonijiet aktar bir-reqqa u dokumentati aħjar fl-oqsma tal-istatistika tax-xogħol, tan-negozju u tas-saħħa sabiex issaħħaħ il-preċiżjoni, it-tempestività u l-puntwalità, il-kumparabbiltà u l-koerenza tad-*data*.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: l-2024

99 Għalkemm l-Eurostat żviluppa kalendarju ta’ rilaxx għad-disseminazzjoni tal-istatistika, il-kalendarju huwa nieqes minn ċerti dettalji. Barra minn hekk, l-Eurostat għad ma għandux politika ta’ reviżjonijiet ġenerali, u ma jirrilaxxax id-*data* tal-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol u l-infiq fuq is-saħħa tal-Istati Membri kollha fl-istess data (ara l-paragrafi [59-63](#)).

100 L-Eurostat jipprovdi lil xi dipartimenti tal-Kummissjoni u kanali tal-media b’aċċess għar-rilaxx ta’ *data* qabel il-ħin li jista’ joħloq opportunitajiet għall-benefiċċju ekonomiku u rivelazzjonijiet. Id-dispożizzjonijiet għar-rilaxx ta’ *data* qabel il-ħin mhumiex deskritti bis-sħiħ fuq is-sit web tal-Eurostat, u l-ebda lista tal-utenti b’aċċess privileġġat mhija ppubblikata (ara l-paragrafi [64-69](#)).

Rakkomandazzjoni 4 – Titqies mill-ġdid il-prattika attwali ta' rilaxx tal-istatistika qabel il-ħin

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) tivvaluta bir-reqqa n-neċessità u l-valur miżjur tal-għoti tal-aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin; u
- (b) jekk dan jinżamm, tippubblika informazzjoni kumprensiva dwar l-aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin u tqawwi s-salvagwardji tagħha kontra rivelazzjonijiet potenzjali.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: l-2023

101 Il-Kummissjoni għamlet progress tajjeb bil-biċċa l-kbira mir-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari, bħal dawk rigward l-arkitettura leġiżlattiva, u l-komunikazzjoni u l-utenti. Madankollu, hija ma applikatx xi rakkomandazzjonijiet ewlenin fuq l-indipendenza u l-imparzjalità (ara l-paragrafi [70-75](#)).

102 Il-valutazzjoni li l-Eurostat wettqet rigward l-implimentazzjoni, mill-Istati Membri, tal-azzjonijiet ta' titjib tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari hija bbażata fuq il-fiduċja reċiproka fost l-awtoritajiet tal-istatistika. L-implimentazzjoni ta' xi azzjonijiet ta' titjib ġiet imfixkla għaliex dawn kienu jiddependu minn korpi 'l barra mill-istitut nazzjonali tal-istatistika u l-appoġġ politiku kien nieqes. Azzjonijiet ta' titjib ewlenin, bħall-emendar tal-leġiżlazzjoni tal-istatistika nazzjonali, ġew implimentati b'mod parzjali biss. Barra minn hekk, l-indipendenza professjonali għadha mhijiex karatteristika tal-Istati Membri kollha, b'mod partikolari fil-livell ta' awtoritajiet nazzjonali oħra (ara l-paragrafi [76-82](#)).

103 It-tfassil tal-għodda tal-evalwazzjoni bejn il-pari li ntużat għall-valutazzjoni tal-konformità tal-Eurostat u tal-ESS mas-CoP tjeb minn mindu ntuża għall-ewwel darba. Madankollu, l-evalwazzjonijiet bejn il-pari mhumiex frekwenti biżżejjed biex jippermettu titjib tal-kwalità kontinwu, u mhumiex dejjem komprensivi fil-kopertura tagħhom tas-sistemi nazzjonali tal-istatistika. Minkejja l-indipendenza tiegħu mill-interessi nazzjonali, il-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika għandu rwol limitat fit-tfassil tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari (ara l-paragrafi [83-89](#)).

Rakkomandazzjoni 5 – Tiġi vvalutata l-fattibbiltà li jitqawwa l-mandat tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika

Jenħtiegħ li l-Kummissjoni tivvaluta l-fattibbiltà u x-xerqien tal-estensjoni tal-mandat attwali tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika biex jinkludi d-deċiżjoni dwar l-elementi tat-tfassil kollha ewlenin tal-eżerċizzju tal-evalwazzjoni bejn il-pari.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: l-2023

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Mihails Kozlovs, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-26 ta' Ottubru 2022.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Tony Murphy
Il-President

Annessi

Anness I – Statistika uffiċjali fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19

Il-COVID-19 ħoloq sfidi sinifikanti għas-sistemi tal-istatistika, u poġġa lill-awtoritajiet responsabbli minn operazzjonijiet ta' statistika taħt pressjoni konsiderevoli. L-isfida kienet l-aktar akuta fir-rigward tal-iżgurar tat-twassil f'waqtu tal-istatistika tas-saħħa pubblika u l-provvista ta' informazzjoni adegwata dwar is-"settur reali" tal-ekonomija, b'mod speċifiku l-unitajiet domestiċi u l-SMEs.

Fil-bidu, il-pandemija fixklet il-flussi tad-*data* li waslu min-negozji u mill-unitajiet domestiċi, u kkawżat problemi għall-istatistika uffiċjali. Metodi tradizzjonali ta' ġbir ta' *data* wiċċ imb wiċċ ma kinux fattibbli aktar, u xi sħarriġiet saru impossibbli u kellhom jiġu posposti. Il-COVID-19 ħoloq ukoll sfida għall-istandards eżistenti f'termini ta' interpretazzjoni u adegwatezza. B'risultat ta' dan, l-istatistika uffiċjali kellha taġġusta malajr għall-kundizzjonijiet li kienu qed jinbidlu. Metodi ta' ġbir ta' *data* alternattivi, bħal telefonati, applikazzjonijiet tal-internet, jew big data bdew jintużaw ħafna. Madankollu, din it-tranżizzjoni tista' tolqot il-kwalità u l-kumparabbiltà tad-*data*. Fil-bidu, dawk li jfasslu l-politika u l-media ssodisfaw id-domanda għal *data* epidemjoloġika globali kważi f'ħin reali permezz ta' dashboards, bħal dawk żviluppatti mill-[Università Johns Hopkins](#), li kienu joperaw b'mod indipendenti minn sistemi ta' statistika uffiċjali. Aktar tard, il-[WHO](#) u l-[ECDC](#) ħolqu d-dashboards tagħhom stess, u b'hekk eliminaw il-lakuni iżda kien hemm problemi ta' kumparabbiltà.

Skont l-ESGAB, l-ESS irrispondiet b'mod pożittiv għall-kriżi tal-COVID-19. Anke jekk diversi fażijiet ta' produzzjoni ta' *data* tal-istatistika ġew milquta severament mill-pandemija, il-pajjiżi tal-ESS u l-Eurostat irnexxielhom ikomplu jipproduċu indikaturi ewlenin mingħajr interruzzjoni. Sabiex jiġu żgurati l-kwalità u l-kumparabbiltà kontinwi tal-istatistika fl-ambjent il-ġdid, l-Eurostat ippubblika aktar minn 30 linja gwida li jindirizzaw problemi metodoloġiċi ġenerali u settorjali. L-Eurostat ħoloq ukoll taqsima dedikata fuq is-sit web tiegħu li ttiprovdi lill-utenti bl-aktar informazzjoni reċenti. Huwa pprova lista ta' settijiet ta' *data* tal-COVID-19 u nieda d-dashboards Ewropew tal-Istatistika tal-Irkupru, li bħalissa jinkludi 27 indikatur rilevanti għall-irkupru dwar suġġetti ta' saħħa, soċjali, ekonomiċi, ta' negozju u ambjentali. Fl-aħħar nett, l-Eurostat introduċa diversi indikaturi ġodda speċifiċi għall-kriżi (eż. imwiet fil-ġimgħa u mortalità eċċessiva ta' kull xahar) sabiex jivaluta aħjar l-effetti tal-pandemija. F'Novembru 2020, il-kapijiet tal-NSIs u l-Eurostat qablu dwar rispons ikkoordinat għal kriżijiet futuri li jaffettwaw lill-ESS, magħruf bħala l-"*Memorandum ta' Wiesbaden*", li jista' jiffaċilita approċċ konġunt għal kriżijiet futuri.

Anness II – Attivitajiet magħżula tal-istatistika

Qasam tematiku: Xogħol	
Attività tal-istatistika: Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol (LFS)	
Deskrizzjoni	<p>L-istatus tal-forza tax-xogħol huwa l-kunċett fundamentali għall-istatistika tas-suq tax-xogħol.</p> <p>L-EU-LFS huwa l-akbar stħarriġ kampjunarju tal-unitajiet domestiċi Ewropew li jipprovdi riżultati kull 3 xhur u kull sena dwar il-parteċipazzjoni fix-xogħol minn persuni ta' 15-il sena 'l fuq, kif ukoll dwar persuni li mhumiex fil-forza tax-xogħol. Dan ikopri r-residenti f'unitajiet domestiċi privati. L-individwi huma kklassifikati fi tliet kategoriji bħala impjegati, qiegħda, jew barra mill-forza tax-xogħol (preċedentement imsejħa ekonomikament inattivi). Kategoriji ulterjuri, bħall-ġeneru u l-età, huma disponibbli. L-EU-LFS jsir mill-NSIs u d-<i>data</i> tiġi pproċessata ċentralment mill-Eurostat. L-NSIs huma responsabbli għat-tfassil tal-kwestjonarji nazzjonali, il-kampjunar, it-twettiq ta' intervisti, u l-bgħit ta' riżultati lill-Eurostat skont skema ta' kodifikazzjoni komuni.</p> <p>Id-definizzjonijiet li jintużaw fl-EU-LFS isegwu r-Riżoluzzjoni tat-13-il Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol tal-Istatistiċi, konvenuta fl-1982 mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (imsemmija bħala l-“linji gwida tal-ILO”).</p>
Responsabbiltà għall-valutazzjoni tal-kwalità tad-<i>data</i>	L-Istati Membri fil-livell nazzjonali; l-Eurostat għad- <i>data</i> mibgħuta mill-Istati Membri kollha.
Qafas legali	<p>L-EU-LFS ilu bbażat fuq leġiżlazzjoni Ewropea mill-1973.</p> <p>Regolament prinċipali sal-2020:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Ir-Regolament (KE) Nru 577/98 <p>Regolamenti prinċipali fis-seħħ mill-ġbir ta' <i>data</i> tal-2021:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Ir-Regolament (UE) 2019/1700 (regolament qafas), ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/256, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/257, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2181, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2240
— Perjodiċità	Kull tliet xhur, annwali
— Data tal-preżentazzjoni	<p>Għal <i>data</i> ta' kull tliet xhur: fi żmien 12-il ġimgħa minn tmiem il-perjodu ta' referenza.</p> <p>Mill-2021 sal-2023: fi żmien 10 ġimgħat minn tmiem il-perjodu ta' referenza.</p> <p><i>Data</i> annwali tinkiseb mill-erba' kwarti.</p> <p>Fejn tintuża <i>data</i> amministrattiva biex tiġi fornuta <i>data</i> dwar il-karatteristika tal-istħarriġ tal-“pigi mill-impjeg prinċipali”, dik id-<i>data</i> tista' tintbagħat lill-Eurostat fi żmien 21 xahar minn tmiem il-perjodu ta' referenza.</p>
— Data tal-pubblikazzjoni	L-ebda referenza fil-qafas legali.

Qasam tematiku: Statistika tan-negozju	
Attività tal-istatistika: Statistika strutturali tan-negozju - SBS	
Deskrizzjoni	L-SBS jiddeskrivi l-istruttura, it-tmexxija u l-prestazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi, sal-livell ta' attività l-aktar dettaljat (diversi mijiet ta' setturi ekonomiċi). L-SBS huwa, f'sens wiesa', settijiet ta' <i>data</i> aggregati żviluppati, prodotti u disseminati biex jappoġġaw il-proċess deċiżjonali għal politiki relatati mas-settur tan-negozju fl-UE, u jimmonitorjaw l-impatt ta' dawn il-politiki, u jipprovdu din l-informazzjoni lill-pubbliku, lin-negozji u lix-xjenza.
Responsabbiltà għall-valutazzjoni tal-kwalità tad-<i>data</i>	L-Istati Membri fil-livell nazzjonali; L-Eurostat għad- <i>data</i> mibgħuta mill-Istati Membri kollha.
Qafas legali:	L-SBS jiġi ppreżentat kull sena mill-Istati Membri tal-UE, abbażi ta' obbligu legali mill-1995.
— Perjodiċità	Annwali
— Data tal-preżentazzjoni	Jenħtieġ li d- <i>data</i> tintbagħat mhux aktar tard minn 18-il xahar wara s-sena ta' referenza. Jenħtieġ li għadd żgħir ta' riżultati preliminari stmati jiġi ppreżentat mhux aktar tard minn 10 xhur wara s-sena ta' referenza.
— Data tal-pubblikazzjoni	L-ebda referenza fil-qafas legali

Qasam tematiku: Saħħa	
Attività tal-istatistika: Nefqa fuq is-saħħa - HE	
Deskrizzjoni	In-nefqa fuq il-kura tas-saħħa tikkwantifika r-riżorsi ekonomiċi dedikati għal funzjonijiet tal-kura tas-saħħa, bl-investment kapitali eskluż. In-nefqa fuq il-kura tas-saħħa hija l-ewwel nett ikkonċernata fuq prodotti u servizzi tal-kura tas-saħħa li jiġu kkonsumati minn unitajiet ta' residenti, irrispettivament minn fejn isir il-konsum (jista' jkun fid-dinja kollha) jew min qed iħallas għaliha. Fil-fatt, l-esportazzjoni ta' prodotti u servizzi tal-kura tas-saħħa (għal unitajiet mhux tar-residenti) hija eskluża, iżda l-importazzjonijiet ta' prodotti u servizzi ta' prodotti tal-kura tas-saħħa għall-użu finali huma inklużi. Id- <i>data</i> dwar in-nefqa fuq il-kura tas-saħħa tipprovdi informazzjoni dwar in-nefqa fil-qasam tas-saħħa ddefinit b'mod funzjonali, distinta skont il-kategorija tal-fornitur (eż. sptarijiet u tobba ġenerali), il-kategorija tal-funzjoni (eż. servizzi ta' kura kurattiva, kura ta' riabilitazzjoni, laboratorju kliniku, trasport ta' pazjenti, u mediċini preskritti) u l-iskema ta' finanzjament (eż. sigurtà soċjali, kumpaniji privati tal-assigurazzjoni, u unitajiet domestiċi). Għall-ġbir ta' <i>data</i> dwar in-nefqa fuq is-saħħa, jintużaw is-Sistema tal-Kontijiet tas-Saħħa (SHA) u s-sett relatat tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali għall-Kontijiet tas-Saħħa. L-SHA tistabbilixxi sistema integrata ta' kontijiet kumprensivi u kumparabbli b'mod internazzjonali, u tipprovdi qafas uniformi ta' regoli ta' kontabilità bażiċi u sett ta' tabelli standard għar-rappurtar tad- <i>data</i> dwar in-nefqa fuq is-saħħa. Is-Sistema tal-Kontijiet tas-Saħħa – SHA 2011 hija manwal ta' referenza tal-istatistika li jagħti deskrizzjoni kumprensiva tal-flussi finanzjarji fil-kura tas-saħħa.
Responsabbiltà għall-valutazzjoni tal-kwalità tad-<i>data</i>	L-Istati Membri fil-livell nazzjonali; L-Eurostat, l-OECD u l-WHO jivvalutaw gruppi differenti ta' Stati Membri.
Qafas legali:	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/359 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1338/2008
— Perjodiċità	Annwali; il-perjodu ta' referenza huwa s-sena kalendarja.
— Data tal-preżentazzjoni	Id- <i>data</i> u l-metadata ta' referenza għas-sena ta' referenza N għandhom jiġu ppreżentati fi żmien 16-il xahar wara s-sena ta' referenza.
— Data tal-pubblikazzjoni	L-ebda referenza fil-qafas legali.

Qasam tematiku: Saħħa	
Attività tal-istatistika: Affarijiet tas-saħħa mhux relatati man-nefqa – HNE	
Deskrizzjoni	<p>Il-ġbir ta' <i>data</i> konġunt bejn l-OECD/Eurostat/WHO dwar il-kura tas-saħħa mhux relatati man-nefqa jikkomplementa l-ġbir ta' <i>data</i> konġunt eżistenti dwar in-nefqa fuq is-saħħa. Għal din ir-raġuni, l-isptarijiet u r-riżorsi huma ddefiniti taħt is-Sistema tal-Kontijiet tas-Saħħa (SHA).</p> <p>Ir-riżorsi tal-kura tas-saħħa koperti huma l-impjeg fil-kura tas-saħħa, ir-riżorsi fiżiċi, u l-attivitajiet tas-saħħa.</p>
Responsabbiltà għall-valutazzjoni tal-kwalità tad-<i>data</i>	L-Istati Membri fil-livell nazzjonali; l-Eurostat, l-OECD u l-WHO jivvalutaw gruppi differenti ta' Stati Membri.
Qafas legali:	Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tadotta bażi legali għall-ġbir ta' <i>data</i> fl-2023. Madankollu, għalissa, id- <i>data</i> tinġabar fuq bażi volontarja.
— Perjodiċità	Annwali
— Data tal-preżentazzjoni	Jenħtieġ li d- <i>data</i> tiġi pprovduta fi żmien 14-il xahar wara t-tmiem tas-sena ta' referenza.
— Data tal-pubblikazzjoni	L-ebda referenza fl-abbozz tal-qafas legali.

Qasam tematiku: Saħħa	
Attività tal-istatistika: Kawżi tal-mewt - CoD	
Deskrizzjoni	<p>Id-<i>data</i> dwar il-CoD tipprovdi informazzjoni dwar ix-xejriet tal-mortalità u tifforma element prinċipali fl-informazzjoni dwar is-saħħa pubblika. L-istatistika Ewropea dwar "kawżi tal-mewt" tikkonċerna l-imwiet u t-twelid ta' trabi mejtin irreġistrati kollha li jseħħu f'kull Stat Membru, u tidistingwi dawk residenti minn dawk li mhumiex.</p> <p>Id-<i>data</i> dwar il-CoD tirreferi għall-kawża prinċipali li huwa ddefinit mill-WHO bħala "l-marda jew il-korrimient li [jkunu taw] bidu għas-sensiela ta' okkorrenzi morbużi li jkunu wasslu direttament għall-mewt, jew għaċ-ċirkostanzi tal-inċident jew vjolenza li pproduċew il-korrimient fatali".</p> <p>Id-<i>data</i> dwar il-kawżi tal-mewt tiġi kklassifikata mis-86 kawża fil-"lista mqassra Ewropea" ta' "kawżi tal-mewt", ibbażata fuq il-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard (ICD).</p> <p>Id-<i>data</i> dwar il-kawżi tal-mewt hija dderivata minn ċertifikati tal-mewt. L-informazzjoni pprovduta f'ċertifikati mediċi li tispeċifika l-kawża tal-mewt hija mfassla fuq l-ICD.</p>
Responsabbiltà għall-valutazzjoni tal-kwalità tad-<i>data</i>	L-Istati Membri fil-livell nazzjonali; l-Eurostat għad- <i>data</i> mibgħuta mill-Istati Membri kollha.
Qafas legali:	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 328/2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1338/2008.
— Perjodiċità	Annwali
— Data tal-preżentazzjoni	Għal kull sena, jenħtieġ li d- <i>data</i> tiġi pprovduta fi żmien 24 xahar minn tmiem is-sena ta' referenza (sal-31 ta' Diċembru); jenħtieġ li d- <i>data</i> volontarja tiġi pprovduta fi żmien 18-il xahar (sat-30 ta' Ġunju).
— Data tal-pubblikazzjoni	L-ebda referenza fil-qafas legali

Sors: il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni disponibbli fuq is-sit web tal-Eurostat.

Anness III – Eżempji ta' linji gwida dwar l-istatistika, rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki fil-livell internazzjonali

Suġġett u sors	Deskrizzjoni
Uffiċċju tal-istatistika	
Il-Kunsill Ewropew (2010)	L-uffiċċji tal-istatistika għandhom ikunu totalment indipendenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-għoti tad- <i>data</i> .
In-NUKEE (2016)	L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika huwa korp indipendenti b'mod professjonali organizzat taħt l-awtorità tal-Prim Ministru/President tal-pajjiż jew korp Statali awtonomu b'Bord Statali tal-Istatistika bħala l-korp ta' governanza.
Riżorsi	
In-NU (2015)	Il-kap tal-aġenzija tal-istatistika huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-baġit u għandu d-dritt jikkummenta pubblikament dwar il-baġit allokat lill-aġenzija tal-istatistika.
L-OECD (2015)	L-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika għandhom finanzjament suffiċjenti għall-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika, għall-appoġġ fit-taħriġ tal-persunali, għall-iżvilupp tar-riżorsi ta' computing, u għall-implimentazzjoni tal-innovazzjoni. Ir-riżorsi huma adegwati fid-daqs u fil-kwalità biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-istatistika.
In-NUKEE (2018)	Il-baġit tal-uffiċċju nazzjonali tal-istatistika jeħtieġ li jkopri l-produzzjoni kumplessiva tal-istatistika u tal-ispejjeż tal-persunal, iżda wkoll il-fondi meħtieġa għall-investiment fl-infrastruttura, fit-teknoloġiji ġodda u fil-metodoloġiji ġodda tal-istatistika, eċċ.
L-OECD (2015)	Il-produtturi tal-istatistika uffiċjali għandhom jingħataw riżorsi umani, finanzjarji u tekniċi adegwati li jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-istatistika.
L-OECD (2020)	L-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika jeħtieġu ċertu livell ta' awtonomija funzjonali u baġitarja, kif ukoll personalità ġuridika, biex ikunu jistgħu jimmaniġġjaw u jallokaw ir-riżorsi umani, finanzjarji u tekniċi tagħhom, fi ħdan il-limiti kumplessivi preskritti jew mill-gvern jew inkella mill-Parlament, li lejhom l-istatistiċi nazzjonali suppost ikollhom obbligu ta' rendikont (eż. permezz ta' rapport dwar l-attivitajiet tal-istatistika u l-eżekuzzjoni baġitarja), biex jiksibu drittijiet jew obbligi kuntrattwali ma' partijiet terzi taħt ir-responsabbiltà indipendenti tagħhom stess, biex jidentifikaw ħtiġijiet fir-riżorsi umani u tekniċi, jew biex jippjanaw u jipprijoritizzaw attivitajiet u operazzjonijiet tal-istatistika skont pjanijiet annwali u pluriennali.
Il-Kap Statistiku	
In-NUKEE (2016)	L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika huwa mmexxi mill-Kap Statistiku maħtur mill-Prim Ministru/President tal-pajjiż fuq proposta tal-gvern għal terminu fiss ta' [X] snin, abbażi ta' post vakanti mħabbar pubblikament u kompetizzjoni miftuħa bbażata fuq il-kompetenzi professjonali relevanti biss. It-terminu inizjali tal-mandat jista' jiġġedded darba. Jenħtieġ li l-Kap Statistiku ma jkunx parti minn skemi ta' mobilità regolari fl-amministrazzjoni pubblika fejn sistema bħal din tista' tkun applikabbli b'mod ieħor f'dan il-livell. Jenħtieġ li l-Kap Statistiku jinħatar għal mandat stabbilit fil-liġi tal-istatistika; biex tiġi enfazzzata l-indipendenza professjonali jenħtieġ li l-mandat ikun differenti mill-mandat tal-gvern. Il-Liġi tipprovdli l-possibbiltà li jiġġedded il-mandat darba kif ukoll għażla biex jiġġedded għal żmien ulterjuri b'mod esklużiv abbażi ta' post vakanti ġdid imħabbar pubblikament u kompetizzjoni miftuħa.
L-OECD (2020)	Durati differenti għall-mandat tal-Istatistiku Nazzjonali u għall-awtoritajiet politiċi jistgħu jirrinforzaw l-indipendenza professjonali tal-produtturi tal-istatistika uffiċjali.
In-NUKEE (2016)	Il-mandat tal-Kap Statistiku ma jstax jiġi mitmum qabel ma jiskadi għal kwalunkwe raġuni li tikkomprometti l-prinċipji tal-istatistika. Il-mandat jista' jiġi mitmum biss għar-raġunijiet li ġejjin:

Suġġett u sors	Deskrizzjoni
	(a) Riżenja tal-Kap Statistiku minn rajh; (b) Temma taċ-ċittadinanza; (c) Deċiżjoni tal-qorti li tiddikjara li l-Kap Statistiku mhuwiex kapaċi jew għandu kapaċi limitata għax-xogħol; (d) Sentenza leġittima tal-qorti għal reat intenzjonali, jew priġunerija skont is-sentenza leġittima tal-qorti; (e) Mewt tal-Kap Statistiku, li f'dak il-każ id-dmirijiet għandhom jitqiesu mitmuma.
L-OECD (2020)	Jenħtieġ li l-proċeduri għas-sensja tal-istatistiku nazzjonali, li jinkludu lista ta' kundizzjonijiet li taħthom jista' jitkeċċa, jiġu stipulati b'mod ċar fil-liġi dwar l-istatistika biex jiġi żgurat li jkunu indipendenti minn bidliet fil-gvern.
Valutazzjoni tal-kwalità	
In-NUKEE (2016)	Valutazzjonijiet tal-ambjent istituzzjonali, il-proċessi u r-riżultati tas-Sistema Nazzjonali tal-Istatistika jistgħu jitwettqu minn esperti interni u esterni. Dawn il-valutazzjonijiet jistgħu jiffukaw b'mod speċjali fuq il-prinċipji tal-istatistika uffiċjali u l-applikazzjoni tal-istandards u r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali tal-istatistika. Jistgħu jiġu inizjati minn Produttur tal-Istatistika Uffiċjali, il-Kunsill tal-Istatistika jew organizzazzjoni internazzjonali. Valutazzjonijiet ta' dan it-tip jistgħu jużaw esperti nazzjonali (eż. mill-komunità xjentifika) jew internazzjonali. Jenħtieġ li r-riżultati ta' dawn il-valutazzjonijiet jiġu ppubblikati. Barra minn hekk, il-Kap Statistiku għandu r-responsabbiltà li jivvaluta regolarment jekk il-Produtturi Oħra tal-Istatistika Uffiċjali jikkonformawx mal-prinċipji tal-istatistika uffiċjali.
	Biex jiżguraw il-kwalità tal-istatistika, il-Produtturi tal-Istatistika Uffiċjali għandhom l-obbligu u d-dritt li japplikaw metodi tal-istatistika, bħall-editjar ta' <i>data</i> individwali, kollegament ta' rekords jew forom oħra ta' kombinament ta' <i>data</i> minn sorsi differenti u l-użu ta' tekniki ta' stima. Dan jinkludi t-trattament korrett ta' nuqqas ta' rispons, kemm għall-istħarriġiet kampjun kif ukoll għal dawk aktar eżawrjenti. L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika jrid jibni n-know-how metodoloġiku tiegħu, isegwi l-iżviluppi internazzjonali u jikkondividi dan l-għarfien ma' Produtturi Oħra tal-Istatistika Uffiċjali.
Disseminazzjoni	
In-NU (2015)	Tingħata notifika bil-quddiem dwar bidliet fil-metodi jew fil-klassifikazzjonijiet u reviżjonijiet iġenerali. Tiġi ppubblikata politika ta' reviżjoni għal dawk l-outputs li huma suġġetti għal reviżjonijiet skedati u mhux skedati, fid-data l-aktar bikrija jissewew żbalji skoperti fl-istatistika pubblikata u jiġu ppubblikati. Huma stabbiliti proċeduri interni għar-rappurtar u t-tiswija ta' żbalji.
In-NUKEE (2016)	Reviżjonijiet huma r-riżultat ta' proċess ipplanat meta takkumula <i>d-data</i> jew meta jinbidlu kunċetti, definizzjonijiet u klassifikazzjonijiet li jintużaw fl-istatistika uffiċjali, pereżempju minħabba bidliet fl-istandards internazzjonali. Jenħtieġ li l-Produtturi tal-Istatistika Uffiċjali jinfurmaw lill-utenti fil-ħin dwar bidliet ipplanati u dwar l-effett tal-komparabbiltà matul iż-żmien, bħal waqfiet fis-serje kronoloġika. Fiż-żmien meta jitwettqu reviżjonijiet kbar fl-istatistika, is-serje kronoloġika qabel il-bidla trid tiġi kkompilata mill-ġdid bl-użu tal-kunċetti, id-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet il-ġodda biex jiġi żgurat tul suffiċjenti ta' serje kronoloġika koerenti qabel u wara l-bidla.
L-OECD (2015)	Jiġi garantit bil-liġi aċċess indaqs għall-istatistika uffiċjali għall-utenti kollha fl-istess żmien. Jekk korp pubbliku jew privat ikollu aċċess għal statistika uffiċjali qabel ir-rilaxx pubbliku tagħha, dan il-fatt u l-arranġamenti sussegwenti jiġu ppubblikati u kkontrollati. F'każ li sseħħ rivelazzjoni, jiġu riveduti l-arranġamenti ta' rilaxx qabel il-ħin biex b'hekk l-imparzjalità tkun żgurata.
In-NUKEE (2016)	Politika stretta ta' aċċess ugwali u simultanju bis-sħiħ għal statistika uffiċjali għall-utenti kollha, mingħajr kwalunkwe aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin. Fejn teżisti l-prattika ta' rilaxx qabel il-ħin, jenħtieġ li din tiġi rieżaminata sabiex il-prattika ma titkompliex jew inkella titnaqqas.

Suġġett u sors	Deskrizzjoni
L-OECD (2020)	<p>Żewġ indikaturi huma rikonoxxuti bħala rilevanti għall-kejl tat-trasparenza u l-perċezzjoni tal-imparzjalità u l-indipendenza tal-produtturi tal-istatistika uffiċjali: l-ewwel, ħin standard ta' rilaxx u kalendarji ta' rilaxx bil-quddiem li jipprovdu notifika minn qabel ta' 12-il xahar tad-dati ta' rilaxx preċiżi (ir-Rakkomandazzjoni identifikat il-kalendarju ta' rilaxx minn qabel ta' 12-il xahar, fejn id-dati tar-rilaxx isiru gradwalment disponibbli, bħala prattika tajba). It-tieni, proċeduri fis-seħħ li jiżguraw aċċess indaqs għall-utenti kollha għal rilaxx tal-istatistika fl-istess ħin.</p>
In-NUKEE (2016)	<p>Il-Produtturi tal-Istatistika Uffiċjali kollha jridu jstabbilixxu kalendarju ta' rilaxx pubbliku u mħabbar minn qabel bid-dati u l-ħinijiet ipplanati għar-rilaxxi tal-istatistika uffiċjali. Dan jinforma lill-utenti kollha dwar meta l-istatistika uffiċjali tiġi rilaxxata u jiżgura li l-istatistika tiġi disseminata irrispettivament mir-reazzjoni tal-gvern jew tal-atturi politiċi.</p> <p>Ir-rilaxxi kollha tal-istatistika uffiċjali jeħtieġ ikunu akkumpanjati minn metadata u kummenti ta' spjegazzjoni suffiċjenti u aġġornati, miktuba mill-produttur responsabbli, li jippermettu lill-utenti jifhmu l-istatistika li tirriżulta. Il-metadata tista' tipprovdi informazzjoni dwar l-attributi tad-<i>data</i>, bħat-tul u l-konsistenza tas-serje kronoloġika, reviżjonijiet medji li huma mistennija, eċċ. Utenti esperti se jeħtieġu metadata aktar dettaljata għall-evalwazzjoni tal-metodi tal-istatistika applikati u l-kwalità tal-istatistika.</p>
In-NUKEE (2016)	<p>Ir-rekwiżit ewlieni relatat mad-disseminazzjoni huwa li l-istatistika uffiċjali għandha tiġi disseminata f'waqtha u puntwalment f'konformità sħiħa mal-prinċipji tal-istatistika uffiċjali u l-artikoli speċifiċi dwar id-disseminazzjoni. Il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità u l-aċċess ugwali għall-istatistika uffiċjali huma l-prinċipji ewlenin relatati mad-disseminazzjoni. Il-prinċipju ta' aċċess ugwali u simultanju għall-istatistika għall-utenti kollha, inkluż utenti governattivi, huwa ċentrali għall-etika tal-istatistika uffiċjali. Permezz tad-disseminazzjoni fuq il-web, dan il-prinċipju jista' issa jiġi implimentat b'mod rigoruż ħafna, billi jispeċifika l-ħin tar-rilaxx eżatt meta statistika ġdida ssir disponibbli. Il-liġi ġenerika timponi politika stretta ta' aċċess kompletament indaqs u simultanju għal statistika uffiċjali għall-utenti kollha, mingħajr l-ebda aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin. L-aċċess indaqs huwa indikatur importanti wkoll tal-indipendenza professjonali tal-Produtturi tal-Istatistika Uffiċjali. Fejn teżisti l-prattika ta' rilaxx qabel il-ħin, jenħtieġ li din tiġi rieżaminata sabiex il-prattika ma titkompliex jew inkella titnaqqas. Jekk pajjiż jagħżel li jiddevja mill-prinċipju ta' aċċess indaqs u simultanju, jeħtieġ li jiżdied artikolu fil-liġi dwar l-istatistika biex jiġi rregolat l-aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin għal awtoritajiet magħżula u statistika magħżula. Kwalunkwe utent li jingħata aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin irid jiffirma dikjarazzjoni ta' embargo. Il-pubbliku jrid ikun infurmat dwar liema awtoritajiet għandhom aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin, għal liema <i>data</i> u f'liema ħin.</p>
Evalwazzjonijiet bejn il-pari	
L-INTOSAI (2019)	<p>Hemm mnejn l-Istituzzjoni Suprema tal-Awditjar rieżaminata wkoll titlob lit-tim oriġinali tal-evalwazzjoni bejn il-pari jivverifika sa fejn ir-rakkomandazzjonijiet ġew segwiti wara żmien miftiehem (eż. sena, sentejn jew tliet snin), skont il-livell ta' importanza u sinifikat tar-rakkomandazzjoni. Wara l-verifikazzjoni, it-tim jista' jipprepara rapport ulterjuri dwar il-grad tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, kif ukoll dwar aġġornamenti possibbli għar-rakkomandazzjonijiet oriġinali. Speċjalment f'dawk il-każijiet li fihom l-ewwel riżultati tal-evalwazzjoni bejn il-pari kienu ġew ippubblikati, hija prattika tajba li r-riżultati tal-evalwazzjoni ta' segwitu bejn il-pari jiġu ppubblikati wkoll, fl-interess tat-trasparenza u r-responsabbiltà.</p>

N.B. Il-lista mhijiex eżawrjenti.

Anness IV – Lista ta' proġetti magħżula għall-awditu

Deskrizzjoni tal-proġett	Pajjiż	Sena	Benefiċjarju	Fornitur tal-finanzjament	Ammont tal-għotja approvat (f'EUR)
1 Modulu <i>ad hoc</i> tal-LFS fl-2016 dwar iż-żgħażaġħ fis-suq tax-xogħol	Il-Finlandja	2015	Statistics Finland	DĠ EMPL	63 813
2 Titjib fil-kwalità għal-LFS*	Il-Kroazja	2016	Croatian Bureau of Statistics	ESP 2013-2020	28 424
3 Modulu <i>ad hoc</i> tal-LFS fl-2017 dwar l-impjieg indipendenti	Ċipru	2016	Statistical Service of Cyprus	DĠ EMPL	25 773
4 Titjib fil-kwalità għal-LFS*	L-Italja	2016	Istituto Nazionale di Statistica (ISTAT)	ESP 2013-2020	29 000
5 Modulu <i>ad hoc</i> tal-LFS fl-2017 dwar l-impjieg indipendenti	L-Italja	2016	Istituto Nazionale di Statistica (ISTAT)	DĠ EMPL	140 000
6 Titjib fil-kwalità għal-LFS*	Il-Finlandja	2017	Statistics Finland	ESP 2013-2020	177 474
7 Tħejjija, ġbir u trażmissjoni ta' <i>data</i> tal-istatistika dwar l-użu tal-ICT u l-kummerċ elettroniku fl-intrapriżi u dwar l-użu tal-ICT fl-unitajiet domestiċi – 2014*	Ċipru	2013	Statistical Service of Cyprus	ESP 2013-2020	98 834
8 Konnessjoni ta' microdata ta' statistika strutturali tan-negozju u statistika tan-negozju oħra	Il-Finlandja	2015	Statistics Finland, id-Danimarka, in-Norveġja, l-Iżvezja, in-Netherlands u l-Latvja, Proġett b'diversi pajjiżi	ESP 2013-2020	185 467
9 Konnessjoni ta' microdata ta' statistika strutturali tan-negozju u statistika tan-negozju oħra	L-Italja	2015	Istituto Nazionale di Statistica (ISTAT)	ESP 2013-2020	33 909
10 Żvilupp tal-istatistika strutturali tan-negozju*	Il-Litwanja	2018	Statistikos Departamentas Prie Liet	ESP 2013-2020	16 340
11 Kontijiet tas-saħħa (SHA 2011)*	Il-Finlandja	2014	Institute for Health and Welfare (THL) Finland	DĠ SANTE	52 748
12 Statistika tal-morbidità	Il-Kroazja	2019	Hrvatski Zavod Za Javno Zdravstvo	DĠ SANTE	52 748
13 Kalkolu Litwan tad- <i>data</i> tal-morbidità bbażat fuq dijanjożi	Il-Litwanja	2019	Higienos Insitutas	DĠ SANTE	13 302

NB. Il-proġetti mmarkati* jirreferu għal attivitajiet obligatorji ta' statistika

Anness V – It-tiftix ta' alternattivi għal *data* dwar l-imwiet bil-COVID-19 li tkun aktar f'waqtha

L-ewwel imwiet fl-Ewropa mill-COVID-19 ġew ikkonfermati fi Frar 2020. Madankollu, ma hemm l-ebda ħsieb li tiġi ppubblikata statistika Ewropea kompleta ta' "kawżi tal-mewt" għall-2020 qabel l-2023 (ara l-[Figura 10](#)). Sabiex ġew indirizzati l-ħtiġijiet ta' informazzjoni waqt il-pandemija, inġabru żewġ settijiet ta' *data* f'ħin kważi reali: l-għadd ta' mwiet bil-COVID-19 kuljum, u mwiet bħala avvenimenti essenzjali demografiċi kull ġimgħa.

Għadd ta' mwiet bil-COVID-19: Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) jipubblika l-għadd ta' mwiet bil-COVID-19 fl-Ewropa minn sorsi bħall-ministeri tas-saħħa u istituti tas-saħħa pubblika. Il-WHO u l-Università Johns Hopkins jipubblikaw l-istess statistika globalment. Madankollu, minħabba differenzi nazzjonali fil-klassifika ta' "kawżi tal-mewt", kif ukoll diversi problemi ta' kopertura kemm insuffiċjenti kif ukoll eċċessiva, id-*data* tista' tvarja b'mod sostanzjali u tikkompjika l-paraguni tal-pajjiżi. Pereżempju, fil-bidu tal-pandemija, il-Belġju rreġistra l-imwiet kollha fejn il-COVID-19 kien *possibbilment* involut bħala li *verament* kien minħabba fih mingħajr ħtieġa ta' testijiet fil-laboratorju. Għall-kuntrarju ta' dan, l-Italja talbet riżultat minn test pożittiv għal imwiet li kienu attribwiti għall-COVID-19, u Ċipru uża kombinament taż-żewġ approċċi.

Imwiet u mortalità eċċessiva: Dan il-metodu, li għalih huma responsabbli l-istituti nazzjonali tal-istatistika, huwa meqjus mill-esperti li huwa miżura aktar xierqa tal-impatt totali tal-pandemija fuq l-imwiet, għalkemm ma jiħux inkunsiderazzjoni l-bidliet demografiċi reċenti bħax-xjuħija tal-popolazzjonijiet. Huwa jirreġistra mwiet bil-COVID-19 li ma ġewx identifikati u rrapportati tajjeb, kif ukoll imwiet minn kawżi oħra li huma attribwibbli għall-kundizzjonijiet tal-pandemija inġenerali. L-ESS introduċiet il-ġbir ta' *data* dwar imwiet kull ġimgħa f'April 2020 u bdiet tippubblika l-mortalità eċċessiva f'Diċembru 2020. L-NSIs baqgħu jibagħtu *data* dwar imwiet kull ġimgħa lill-Eurostat fuq bażi volontarja.

It-tabella ta' hawn taħt turi d-*data* għall-2020 u l-2021 fl-UE u l-pajjiżi tal-EFTA, ikkalkulata bl-użu taż-żewġ metodoloġiji. Ir-rata tal-mewt eċċessiva hija madwar 34 % oġġla miċ-ċifri tal-ECDC għall-imwiet bil-COVID-19.

	Imwiet bil-COVID-19 (ECDC)	Mortalità eċċessiva* (Eurostat)
2020	393 570	557 823
2021	519 136	667 599
Total	912 706	1 225 422

* Iqabbel l-għadd ta' mwiet mill-kawżi kollha osservati waqt il-pandemija, u l-għadd ta' mwiet mistennija li kieku l-pandemija ma ġratx, bl-użu ta' *data* minn snin reċenti ta' qabel il-pandemija (2016-2019).

Sors: Eurohealth 2020; 26(2); West, A., *Reporting of COVID-19 deaths in Austria, France, Germany, Italy, Portugal and the UK*, Social Policy Working Paper 10-20, Londra: LSE Department of Social Policy, 2020; ECDC for COVID-19 deaths; Eurostat on excess mortality.

Anness VI – Rakkomandazzjonijiet tal-ESGAB, l-2014 u l-2021

2014 (it-tieni evalwazzjoni bejn il-pari li twettqet mill-Eurostat)	2021 (it-tielet evalwazzjoni bejn il-pari li twettqet mill-Eurostat)
2014/1 L-arranġamenti għal ħatriet futuri ta' Diretturi Ġenerali tal-Eurostat għandhom jiġu speċifikati fil-liġi, u jkunu bbażati fuq kompetizzjoni miftuħa.	2021/1 L-ESGAB jirrakkomanda li l-leġislazzjoni għandha tispeċifika r-raġunijiet għal terminazzjoni bikrija tal-kuntratt (sensa) tad-DĠ tal-Eurostat. Jenħtieġ li dawn ma jinkludux raġunijiet li jikkompromettu l-indipendenza professjonali jew xjentifika tiegħu.
2014/2 Il-kriterji ewlenin għall-għażla ta' Direttur Ġenerali tal-Eurostat għandhom ikunu r-reputazzjoni professjonali tiegħu fil-komunità internazzjonali tal-istatistika u l-ħiliet maniġerjali tiegħu.	2021/2 L-ESGAB jirrakkomanda li r-reklutaġġ u s-sensja tat-tmexxija superjuri tal-Eurostat, ħliet id-DĠ, għandhom ikunu pubbliċi u trasparenti b'enfasi b'saħħitha fuq il-kwalifiki tal-istatistika.
2014/3 Il-leġislazzjoni għandha tispeċifika r-raġunijiet għal sensja bikrija tad-Direttur Ġenerali tal-Eurostat. Jenħtieġ li dawn ma jinkludux raġunijiet li jikkompromettu l-indipendenza professjonali jew xjentifika tiegħu.	2021/3 L-ESGAB jirrakkomanda li l-Eurostat għandu jiżgura segwitu sistematiku tal-implimentazzjoni tal-Qafas tal-Kwalità ta' Referenza applikabbli għal statistika oħra, f'kooperazzjoni mad-DĠ ikkonċernati tal-Kummissjoni Ewropea. Dan għandu jinkludi l-esplorazzjoni tal-utilità tal-istabbiliment ta' proċess ta' evalwazzjoni bejn il-pari reċiproka sabiex timmonitorja u, jekk meħtieġ, issaħħaħ il-konformità tal-Qafas tal-Kwalità ta' Referenza.
2014/4 Ir-reklutaġġ u s-sensja tat-tmexxija superjuri tal-Eurostat, ħliet id-Direttur Ġenerali, għandhom ikunu pubbliċi u trasparenti b'enfasi b'saħħitha fuq il-kwalifiki tal-istatistika.	2021/4 L-ESGAB jirrakkomanda li l-Eurostat għandu jevalwa b'mod kritiku jekk il-prattika attwali ta' rilaxx minn qabel ta' statistika lil korpi oħra tal-Kummissjoni Ewropea, filwaqt li tirrispetta l-ES CoP, hijiex konformi mal-pożizzjoni tal-Eurostat bħala standard ewlieni tal-ESS.
2014/5 Il-leġislazzjoni Ewropea futura dwar l-istatistika għandha timxi mal-arkitettura leġislattiva adottata fl-2013 bl-approċċ tagħha fuq tliet saffi, billi tagħmel b'mod partikolari distinzjoni bejn ix-"Xi" fir-regolamenti qafas u l-"Kif" fl-atti delegati u ta' implimentazzjoni.	2021/5 L-ESGAB jirrakkomanda li l-Eurostat għandu jkompli jiżviluppa s-salvagwardji diġà b'saħħithom tiegħu għall-kunfidenzjalità billi jirrevedi u, sa fejn huwa possibbli, ikompli jarmonizza l-prattiki fost oqsma tal-istatistika fir-rigward tal-proċeduri u l-għodod għall-anonimizzazzjoni u/jew il-kontroll dwar divulgazzjoni statistika.
2014/6 Istanzi ta' każijiet fejn l-implimentazzjoni ta' metodoloġiji jew għodod stipulati u miftiehma b'mod legali qed tiġi mdewma b'mod sinifikanti f'xi Stati Membri għandhom jiġu vverifikati u analizzati għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri korrettivi sistematiki neċessarji.	2021/6 L-ESGAB jirrakkomanda li l-Eurostat għandu jiżviluppa strateġija kumprensiva ta' kooperazzjoni mal-akkademja.
2014/7 L-armonizzazzjoni ta' metodoloġiji għall-ipproċessar tad- <i>data</i> u għall-kalkolu tal-indikaturi tal-kwalità għandha titwettag b'mod rigoruż f'kooperazzjoni mal-Istati Membri.	2021/7 L-ESGAB jirrakkomanda li l-Eurostat ikompli jtejjeb il-komunikazzjoni u d-disseminazzjoni tiegħu fid-dawl ta' "dinja ġdida ta' fluss żejjed ta' informazzjoni" fejn ħafna fornituri jiġġieldu għall-attenzjoni limitata tal-utenti.
2014/8 L-evalwazzjonijiet għandhom jitwettqu b'mod regolari u sistematiku biex jiġi żgurat li l-prattiki ta' verifika tal-konsistenza jitwettqu fost dominji ta' statistika b'mod kumparabbli.	2021/8 L-ESGAB jirrakkomanda li l-Eurostat isib, fejn xieraq, modi kif jistabbilixxi aċċess estern għal bażijiet ta' <i>data</i> antiki għal statistika rilevanti sabiex tiġi ffaċilitata r-riċerka rilevanti għall-politika.
2014/9 Il-ġestjoni tal-kwalità u l-prattika ta' assigurazzjoni għandhom ikompli jiġu armonizzati u simplifikati. L-istandard komuni bażiku għal rapporti tal-kwalità orjentati lejn l-utent u l-produttur għandu jintuża għal kull operazzjoni u dominju tal-istatistika. Dan se jiżgura li dawn ir-rapporti jipprovdu informazzjoni simili u li l-kwalità tista' tiġi evalwata b'mod ugwali fid-dominji differenti.	2021/9 L-ESGAB jirrakkomanda li l-Eurostat jieħu azzjoni biex itejjeb ir-riċerka dwar il-microdata billi jiżviluppa modalitajiet xierqa u jiftiehem mal-pajjiżi membri dwar settijiet ta' <i>data</i> fejn l-aċċess għalihom jista' jkun fattibbli u billi jiżviluppa tekniki ta' protezzjoni tal-privatezza għall-aċċess (bħal software mmexxi mill-metadati), li jista' jiġi applikat ukoll fuq livell nazzjonali.
2014/10 L-Eurostat għandu jkollu l-għan li jippubblika kalendarju ta' rilaxx sħiħ u b'pubblikazzjoni konġunta mal-Eurostat u l-istatistika tal-istituti nazzjonali tal-istatistika.	2021/10 L-ESGAB jirrakkomanda li l-Eurostat ikompli jiżviluppa l-oqfsa analitiċi tiegħu fir-rigward tar-reviżjonijiet. L-Eurostat għandu jiżviluppa l-politika ta' revizzjoni tiegħu u analiżijiet regolari ta' revizzjonijiet.
2014/11 L-Eurostat għandu jinvestiga bis-sħiħ l-impatt potenzjali tal-projbizzjoni tar-rilaxx minn qabel u modi ta' kif jiġu ġestiti r-riskji jekk rilaxx minn qabel limitat ħafna jinżamm għal aġenziji tal-aħbarijiet individwali.	2021/11 L-ESGAB jirrakkomanda lill-koleġislaturi li l-adozzjoni futura tal-Att dwar id- <i>Data</i> tal-UE għandha tistabbilixxi triq permanenti għall-aċċess għal <i>data</i> privata għall-Eurostat u l-produtturi kollha tal-istatistika Ewropea.
2014/12 L-Eurostat għandu jivverifika u jirrevedi l-istrateġija ta' komunikazzjoni tiegħu biex jiżgura li qiegħed jilħaq	2021/12 L-ESGAB jirrakkomanda li l-Eurostat jiżviluppa strateġija kumprensiva għall-użu ta' sorsi ġodda ta' <i>data</i>

2014 (it-tieni evalwazzjoni bejn il-pari li twettqet mill-Eurostat)	2021 (it-tielet evalwazzjoni bejn il-pari li twettqet mill-Eurostat)
b'mod effettiv l-udjenzi fil-mira tiegħu fil-pajsaġġ tal-media tal-lum u juża b'mod ottimali dawn l-għodod ta' komunikazzjoni moderna għal segmenti differenti ta' utenti.	diġitali li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' relevanza, preċiżjoni u puntwalità, u jistgħu jgħinu biex jitnaqqas il-piż fuq dawk li wiegħbu u jżidu l-kosteffettività.
2014/13 L-Eurostat għandu jappoġġja r-rwol ta' koordinazzjoni tal-istituti nazzjonali tal-istatistika fir-rigward tal-awtoritajiet nazzjonali l-oħrajn billi jaċċetta trasferimenti ta' <i>data</i> konformi mal-Kodiċi biss minn istitut nazzjonali tal-istatistika jew awtorità nazzjonali oħra awtorizzata. Id-data limitu għal kunsinni mhux awtorizzati ta' <i>data</i> għandhom jiġu kkomunikati b'mod wiesa' sena qabel. Jekk trasferimenti ta' <i>data</i> mhux awtorizzati jew mhux konformi mal-Kodiċi lill-Eurostat ikomplu wara d-data mħabbra, l-Eurostat għandu jirrifjuta d- <i>data</i> .	2021/13 L-ESGAB jirrakkomanda li l-Eurostat u l-BĊE jibnu fuq il-kooperazzjoni b'saħħitha eżistenti bejn l-ESS u s-SEBĊ biex jisfruttaw l-ambitu għal koordinazzjoni u kooperazzjoni aħjar dwar il-kondiviżjoni tad- <i>data</i> u dwar it-trattament ta' każijiet statistiċi kumplessi (bħal intrapriżi multinazzjonali), u jevalwaw il-potenzjal għal infrastrutturi komuni tal-istatistika (bħar-reġistri kummerċjali statistiċi).
2014/14 L-Eurostat irid jistabbilixxi mekkaniżmi ċari għar-rwol ta' koordinazzjoni tiegħu fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea, u jiżviluppa inventarju ta' attivitajiet ta' statistika eżistenti.	2021/14 L-ESGAB jirrakkomanda li l-Eurostat iwettaq identifikazzjoni u mmappjar tal-ħiliet/kompetenzi (futuri) meħtieġa tal-persunal. Abbażi ta' din l-informazzjoni, l-offerti ta' taħriġ għall-persunal eżistenti għandhom jiġu aġġustati sabiex jippermettu titjib tal-ħiliet fl-oqsma ġodda relevanti. Fl-istess ħin, l-Eurostat għandu juża l-possibiltajiet kollha tas-sistema ta' reklutaġġ attwali tal-Kummissjoni Ewropea b'mod proattiv sabiex ikun jista' jattira u jżomm persunal bil-ħiliet neċessarji li jibqgħu validi fil-futur.
2014/15 L-ESS u s-SEBĊ għandhom jiffokaw fuq ħidma prammatika fi ħdan id-diviżjoni tax-xogħol, u jipproċedu b'kooperazzjoni Prattika. Ikun ta' benefiċċju jekk s-SEBĊ jadotta proċeduri ta' assigurazzjoni tal-kwalità verifikabbli simili għal dawk tal-ESS sabiex itejjeb dan il-fehim reċiproku.	2021/15 L-ESGAB jirrakkomanda li dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-UE jappoġġjaw lill-attivitajiet ta' innovazzjoni attwali b'finanzjament xieraq li jkopri r-riżorsi finanzjarji u umani. Huwa jtenni r-rakkomandazzjonijiet tiegħu (Rakkomandazzjoni 2020/6 u 2020/7) li l-Kummissjoni tipproponi investiment sinifikanti fl-infrastruttura diġitali għal għanijiet ta' statistika sabiex l-innovazzjoni u l-esperimentazzjoni jkunu possibbli. Il-Pjanijiet ta' Rkupru u Reżiljenza tal-Istati Membri u fondi relevanti oħrajn tal-UE għandhom jappoġġjaw dawn l-azzjonijiet ta' inizjattivi ta' politika ġdida Ewropea fost is-Sistema Ewropea tal-Istatistika, u jkopru l-iżvilupp u l-ispejjeż operatorji.
2014/16 Prinċipju u indikaturi korrispondenti li jindirizzaw il-ħtieġa għall-koordinazzjoni tal-iżvilupp, tal-produzzjoni u tad-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea għandhom jitfasslu waqt ir-reviżjoni li jmiss tal-Kodiċi ta' Prattika.	2021/16 L-ESGAB jirrakkomanda li l-Eurostat u l-ESS iwettqu evalwazzjoni bir-reġgħ u kompluta tal-esperjenza waqt il-kriżi tal-COVID-19. Din ir-reviżjoni għandha tkopri l-isfida, ir-reazzjonijiet, l-ostakli, is-suċċessi u għandha tikseb konklużjonijiet konkreti. Barra minn hekk, pjan ta' azzjoni għandha jiġi preparat għar-reżiljenza f'sitwazzjonijiet ta' kriżijiet futuri.
	2021/17 L-ESGAB jirrakkomanda li l-Eurostat, flimkien mal-istituti nazzjonali tal-istatistika, jistabbilixxu proċeduri għall-introduzzjoni proattiva ta' innovazzjoni statistika rapida, li, b'mod partikolari, għandhom jinkludu statistika esperimentali. Dan għandu jipprepara wkoll għal żminijiet ta' kriżi u għandu jkompli jinkludi proposti għal kif għandha tiġi żgurata l-viżibbiltà ta' din l-istatistika, u toħloq proċessi għall-mainstreaming eventwali tagħhom.
	2021/18 L-ESGAB jirrakkomanda li l-Eurostat juża, meta meħtieġ, is-setgħat tal-Artikolu 14.1(b) u 2 tar-Regolament 223/2009 b'mod attiv u bil-mod l-aktar estensiv sabiex ikun jista' jirreaġixxi malajr għal domandi tal-istatistika mhux previsti u urġenti għat-teħid ta' deċiżjonijiet. Għal dan il-għan għandhom jiġu analizzati l-potenzjal u l-limiti ta' dawn id-dispożizzjonijiet legali. Jekk jirriżulta li dawn ikunu inadegwati, jenħtieġ li l-kwistjoni titqies fil-kuntest ta' emenda tar-Regolament Nru 223/2009.

Anness VII – Sommarju tal-azzjonijiet ta' titjib tal-istitut nazzjonali tal-istatistika – status fil-31 ta' Diċembru 2019

Klassifikazzjoni	L-azzjonijiet kollha	Azzjonijiet miftuħa 31/12/18	Ikkompletati	Magħluqa	Progress jiddependi minn oħrajn	Imdewma	Kontinwi	Azzjonijiet miftuħa 31/12/19
1. Governanza u aspetti legali; koordinazzjoni	221	65	9	4	23	17	8	52
1.1. Indipendenza professjonali	72	26	1	0	15	6	2	25
1.2. Mandat ta' ġbir ta' <i>data</i>	3	0	0	0	0	0	0	0
1.3. Aspetti legali ta' kunfidenzjalità	2	1	0	1	0	0	0	0
1.4. Koordinazzjoni	144	38	8	3	8	11	6	27
2. Adegwatezza tar-riżorsi u kosteffettività	152	47	14	4	4	22	4	29
2.1. Riżorsi	57	14	5	0	3	2	3	9
2.2. Taħriġ	22	4	1	0	0	2	0	3
2.3. Kosteffettività	73	29	8	4	1	18	1	17
3. Kwalità u metodoloġija	231	60	26	1	2	21	7	33
3.1. Impenn lejn il-kwalità	102	33	17	1	1	10	3	15
3.2. Metodoloġija u protezzjoni tal-kunfidenzjalità	46	9	2	0	0	3	2	7
3.3. Kwalità tar-riżultati u interazzjoni mal-utent	83	18	7	0	1	8	2	11
4. Tnaqqis tal-piż u <i>data</i> amministrattiva	85	23	4	4	7	4	4	15
4.1. Tnaqqis tal-piż	28	5	0	3	0	1	2	2
4.2. <i>Data</i> amministrattiva	57	18	4	1	7	3	2	13
5. Imparzzjalità u disseminazzjoni	221	43	11	5	3	15	6	27
5.1. Imparzzjalità	46	6	3	1	1	0	1	2
5.2. Disseminazzjoni: aċċessibbiltà u ċarezza	123	25	4	3	1	11	4	18
5.3. Disseminazzjoni tal-microdata	52	12	4	1	1	4	1	7
Total Kumplessiv	910	237	64	18	39	79	29	155

Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

Anness VIII – Kopertura tas-Sistemi Nazzjonali tal-Istatistika fit-tielet ċiklu tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari

Pajjiż	Għadd totali ta' awtoritajiet nazzjonali oħrajn	Awtoritajiet nazzjonali oħrajn magħżula għall-evalwazzjoni bejn il-pari
L-Awstrija	7	Ministeru Federali għall-Azzjoni Klimatika, l-Ambjent, l-Enerġija, il-Mobbiltà, l-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (BMK)
		Ministeru Federali għall-Agricoltura, ir-Reġjuni u t-Turiżmu (BMLRT)
		Umweltbundesamt - Aġenzija għall-Ambjent tal-Awstrija (UBA)
		Energie-Control Austria (E-Control)
Il-Bulgarija	10	Dipartiment tal-Agrostatistika fid-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Politika Reġjonali (Ministeru tal-Agricoltura, l-Ikel u l-Forestrija)
		Direttorat tal-Analiżi, l-Ippjanar u l-Pronjożi, u d-Dipartiment tal-Għarfien espert mediku tal-kapaċità tax-xogħol u l-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol fid-Direttorat tal-Assigurazzjoni u Benefiċċji għal Żmien Qasir lill-Istitut tas-Sigurtà Soċjali Nazzjonali
		Direttorat tal-Monitoraġġ u l-Valutazzjonijiet tal-Ambjent fl-Aġenzija Ambjentali Eżekuttiva lill-Ministeru tal-Ambjent u l-Ilma
Il-Belġju	15	Servizz Pubbliku Federali għall-Affarijiet Interni
		Servizz Pubbliku Federali għall-Ekonomija, l-SMEs u l-Enerġija – DG Enerġija
		Istitut Nazzjonali tal-Kontijiet
		Vlaamse Statistische Autoriteit (awtorità tal-istatistika tar-Reġjun Fjamming)
Id-Danimarka	15	Servizz Daniż għall-Immigrazzjoni
		Aġenzija Daniża għall-Enerġija
		Aġenzija Daniża għall-Protezzjoni tal-Ambjent
L-Estonja	1	---
Il-Finlandja	6	Dwana Finlandiża
		Istitut Finlandiż għar-Riżorsi Naturali
		Istitut Nazzjonali għas-Saħħa u l-Protezzjoni Soċjali
		Servizz Finlandiż għall-Immigrazzjoni

Pajjiż	Għadd totali ta' awtoritajiet nazzjonali oħrajn	Awtoritajiet nazzjonali oħrajn magħżula għall-evalwazzjoni bejn il-pari
Franza	12	Dipartimenti tal-Istatistika u l-Analiżi ta' Previżjoni (Ministeru tal-Agrikultura u l-Ikel)
		Dipartiment tad-Data u tal-Istudji tal-Istatistika (Ministeru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika)
		Direttorat tar-Riċerka, l-Istudji, l-Evalwazzjoni u l-Istatistika (Ministeru għas-Solidarjetà u s-Saħħa, Ministeru tal-Ekonomija, il-Finanzi u l-Irkupru u Ministeru tax-Xogħol, l-Impjieg u l-Inklużjoni Ekonomika)
Il-Ġermanja	30	Uffiċċju Federali għall-Agrikultura u l-Ikel
		Aġenzija Federali għall-Impjieg
		Uffiċċji tal-Istatistika tal-Länder (14 b'kollox)
Il-Greċja	10	Ministeru tal-Ambjent u l-Enerġija
		Ministeru tal-Iżvilupp Rurali u l-Ikel
		Ċentru tad-Dokumentazzjoni Nazzjonali (EKT)
L-Irlanda	15	Aġenzija tal-Protezzjoni Ambjentali (EPA)
		Dipartiment tal-Ġustizzja (DoJ)
		Dipartiment tas-Saħħa (DoH)
L-Italja	13	Ministeru għat-tranżizzjoni ekoloġika (MITE)
		Ministeru tas-Saħħa
		Istitut għall-Protezzjoni u r-Riċerka Ambjentali Taljan (ISPRA)
		Operatur tas-Servizzi tal-Enerġija (GSE)
Il-Litwanja	8	Aġenzija għall-Protezzjoni Ambjentali
		Istitut tal-Iġjene
		Intrapriża tal-Istat: Ċentru għall-Infurmazzjoni Agrikola u n-Negozju Rurali
Il-Lussemburgu	11	Spettorat Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali - Inspection générale de la sécurité sociale (IGSS)
		Dipartiment tal-Ekonomija Rurali - Service d'économie rurale (SER)
		Direttorat tas-Saħħa - Direction de la Santé
Malta	1	Direttorat għall-Infurmazzjoni dwar is-Saħħa u r-Riċerka
In-Netherlands	-	---
In-Norveġja	8	Direttorat Norveġiż tas-Sajd
		Direttorat Norveġiż tal-Immigrazzjoni (UDI)
		Istitut Norveġiż tar-Riċerka dwar il-Bijekonomija (NIBIO)
		Istitut Norveġiż tas-Saħħa Pubblika (FHI)

Pajjiż	Għadd totali ta' awtoritajiet nazzjonali oħrajn	Awtoritajiet nazzjonali oħrajn magħżula għall-evalwazzjoni bejn il-pari
Il-Polonja	11	Ministeru tal-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali
		Ministeru tal-Ġustizzja
		Ministeru tal-Finanzi
Il-Portugall	5	Direttorat Ġenerali tal-Istatistika dwar l-Edukazzjoni u x-Xjenza fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Ministeru tax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Edukazzjoni Għolja (DGECC)
		Direttorat Ġenerali għall-Enerġija u l-Ġeoloġija fi ħdan il-Ministeru tal-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima (DGEG)
		Direttorat Ġenerali għall-Politika tal-Ġustizzja fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja (DGPJ)
		Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Naturali, Riżorsi tal-Baħar u Servizzi tas-Sikurezza fi ħdan il-Ministeru tal-Baħar (DGRM)
		Dipartiment għall-Ippjanar Strateġiku fi ħdan il-Ministeru tax-Xogħol, is-Solidarjetà u s-Sigurtà Soċjali (GEP)
Spanja	17	Sottodirettorat Ġenerali għall-Analiżi, il-Koordinazzjoni u l-Istatistika (Sottosegretarjat għall-Agricoltura, is-Sajd u l-Ikel), il-Ministeru tal-Agricoltura, is-Sajd u l-Ikel
		Sottodirettorat Ġenerali għall-Istudji Ekonomiċi u l-Istatistika (Direttorat Ġenerali għall-Ippjanar Ekonomiku u l-Baġits; Sottosegretarjat għat-Trasport, il-Mobbiltà u l-Aġenda Urbana) fi ħdan il-Ministeru tat-Trasport, il-Mobbiltà u l-Aġenda Urbana
		Sottodirettorat Ġenerali għall-Prospettiva, Strateġija u Regolamenti dwar l-Enerġija (Direttorat Ġenerali għall-Politika tal-Enerġija u l-Mini; is-Segretarja tal-Istat għall-Enerġija), il-Ministeru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika u l-Isfida Demografika
L-Iżvezja	20	Aġenzija Nazzjonali Żvediża għall-Edukazzjoni
		Awtorità Superviżorja Finanzjarja Nazzjonali Żvediża
		Aġenzija Żvediża tal-Migrazzjoni
		Aġenzija Żvediża tas-Saħħa Pubblika

Sors: is-sit web tal-Eurostat.

- (a) Lista ta' istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħrajn għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea kif maħtura mill-Istati Membri (aġġornata fit-12 ta' Ottubru 2021) u
- (b) Lista ta' ONAs [l-aħħar aġġornament f'Ġunju 2021] li qed jieħdu sehem fit-tielet ċiklu tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari tal-perjodu 2021-2023

N.B.: L-informazzjoni dwar l-ONAs li jipparteċipaw fl-evalwazzjonijiet bejn il-pari tas-sistemi nazzjonali tal-istatistika tal-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, l-Ungerija, l-Iżlanda, il-Latvja, il-Liechtenstein, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Iżvizzera se tkun disponibbli f'Ġunju 2022.

Abbrevjazzjonijiet

ANO: awtorità nazzjonali oħra

BĊE: Il-Bank Ċentrali Ewropew

CoD: kawżi tal-mewt

CoP: Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea

DĠ EMPL: Id-Direttorat Ġenerali tal-Impjegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni tal-Kummissjoni

DĠ GROW: Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs tal-Kummissjoni

DĠ SANTE: Id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari tal-Kummissjoni

ECDC: Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard

EFTA: L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Fieles

ESP: Programm Ewropew tal-istatistika

ESS: Sistema Ewropea tal-Istatistika

ILO: Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol

LFS: Stħarriġ dwar il-forza tax-xogħol

NSI: uffiċċju nazzjonali tal-istatistika

OECD: Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi

SBS: Statistika Strutturali tan-Negozju

SMEs: intrapriżi żgħar u medji

WHO: Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa

Glossarju

Data: Sett ta' valuri għal varjabbli kwalitattivi jew kwantitattivi, bħal fatti jew kejl, li minnhom tista' tiġi ġġenerata l-informazzjoni.

Imparzialità: Prinċipju fejn l-istatistika trid tiġi żviluppata, prodotta u disseminata b'mod newtrali, u b'tali mod li l-utenti kollha jingħataw trattament indaqs.

Indikatur ewlieni tal-prestazzjoni: Miżura kwantifikabbli li turi l-prestazzjoni meta mqabbla mal-objettivi ewlenin.

Intrapriżi żgħar u medji: Definizzjoni skont id-daqs, li tiġi applikata għal kumpaniji u għal organizzazzjonijiet oħra, fuq il-bażi tal-għadd ta' impjegati u ta' ċerti kriterji finanzjarji. Intrapriżi żgħar ikollhom inqas minn 50 impjegat, u fatturat jew total tal-karta tal-bilanċ li ma jaqbiżx l-EUR 10 miljun. L-intrapriżi ta' daqs medju jkollhom inqas minn 250 impjegat, u fatturat mhux ogħla minn EUR 50 miljun jew total tal-karta tal-bilanċ mhux ogħla minn EUR 43 miljun.

Kawża tal-mewt: Il-marda jew il-korriment li bdew is-sekwenza ta' avvenimenti relatati mal-mard li wasslu għall-mewt b'mod dirett, jew iċ-ċirkustanzi tal-aċċident jew vjolenza li pproduċew korriment fatali.

Lakuna fid-data: Nuqqas ta' disponibbiltà ta' *data* meħtieġa għal skop speċifiku.

Metadata: *Data* li tiddefinixxi u tiddeskrivi *data* oħra.

Microdata: *Data* dwar persuna, unità domestika, negozju jew organizzazzjoni individwali.

Morbidità: Il-kundizzjoni li wieħed ikun marid.

Mortalità eċċessiva: Għadd ta' mwiet mill-kawżi kollha, imkejla waqt kriżi, ikbar minn dawk li setgħu jiġu osservati taħt kundizzjonijiet "normali".

Persuna qiegħda: Persuna qiegħda ta' 15 jew 16-il sena sa 74 sena, mingħajr xogħol waqt il-ġimgħa ta' referenza, li tkun disponibbli biex tibda taħdem fil-ġimgħtejn li jmiss (jew li diġà sabet xogħol fejn se tibda fit-tliet xhur li jmiss) u li tkun fittxet b'mod attiv impjegat f'xi żmien waqt l-erba' ġimgħat preċedenti.

Rata tal-mewt standardizzata: Ir-rata tal-mewt ta' popolazzjoni aġġustata f'konformità mad-distribuzzjoni tal-età standard għat-titjib tal-kumparabbiltà matul iż-żmien u bejn komunitajiet differenti.

Sistema tal-Kontijiet tas-Saħħa: Il-qafas ekonomiku standard għall-kontabbiltà tas-saħħa fil-pajjiżi tal-ESS, bl-użu ta' regoli kontabilistiċi li huma kompatibbli b'mod metodoloġiku mas-sistema tal-kontijiet nazzjonali għall-produzzjoni ta' kontijiet kumprensivi, konsistenti u kumparabbli fil-livell internazzjonali li jissodisfaw il-ħtiġijiet ewlenin tal-utenti.

Soċjetà ċivili: Il-parti tas-soċjetà, distinta mill-gvern u min-negozju, li tikkonsisti f'assoċjazzjonijiet u gruppi oħrajn li jirrappreżentaw interessi kondiviżi fid-dominju pubbliku.

Utent istituzzjonali tal-istatistika: Organizzazzjoni nazzjonali jew internazzjonali, bħal gvern nazzjonali jew bank ċentrali nazzjonali, jew inkella istituzzjoni, korp jew dipartiment tal-UE.

Żball standard relattiv: Miżura ta' akkuratezza statistika ta' stima. Żbalji standard relattivi iżgħar huma indikazzjoni ta' riżultati aktar affidabbli, u żbalji standard relattivi ikbar huwa indikazzjoni ta' riżultati inqas affidabbli.

Risposti tal-Kummissjoni

<https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=62590>

Kronoloġija

<https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=62590>

Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi futuri u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla IV tal-Awditjar, Regolamentazzjoni tas-swieq u ekonomija kompetittiva, li hija mmexxija minn Mihails Kozlovs, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Ildikó Gáll-Pelcz, Membru tal-QEA, li ngħatat appoġġ minn Claudia Kinga Bara, Kap tal-Kabinett u Zsolt Varga, Attaché tal-Kabinett; Sabine Hiernaux-Fritsch, Maniġer Prinċipali; Athanasios Koustoulidis, Kap tal-Komputu; Maria Isabel Quintela u Ezio Guglielmi, Awdituri. Thomas Everett ipprovda appoġġ lingwistiku.



Ildikó Gáll-Pelcz



Claudia Kinga Bara



Zsolt Varga



Athanasios
Koustoulidis



Maria Isabel
Quintela



Thomas Everett

DRITT TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2022

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-[Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-QEA](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tal-QEA, li huwa proprjetà tal-UE, huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Il-persuni li jużaw mill-ġdid dan il-kontenut ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali tad-dokumenti. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkancelła u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jista' jkun meħtieġ li titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur:

Figura 2 – Ikoni: Dawn il-figuri tfasslu bl-użu ta' riżorsi minn [Flaticon.com](#). © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinni rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fi ħdan id-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, dawn, inti m'ħeġġeġ biex tirrieżamina l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-QEA

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

PDF	ISBN 978-92-847-9047-0	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/609868	QJ-AB-22-023-MT-N
HTML	ISBN 978-92-847-9073-9	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/209927	QJ-AB-22-023-MT-Q

L-istatistika uffiċjali hija ben pubbliku, u hija essenzjali biex tgħin lil dawk li jfasslu l-politika, lin-negozji u liċ-ċittadini jaslu għal deċiżjonijiet ibbażati fuq l-evidenza. Fl-2012, aħna ppubblikajna rapport speċjali dwar il-kwalità tal-istatistika Ewropea, iżda fl-2016, sibna li xi azzjonijiet ta' titjib miftiehma ma kinux ġew implimentati bis-sħiħ. F'dan l-awditu, eżaminajna jekk il-Kummissjoni tipprovdix statistika Ewropea ta' kwalità għolja, u l-konklużjoni tagħna hija li l-kwalità ġenerali tal-istatistika hija suffiċjenti għall-partijiet ikkonċernati. Madankollu, identifikajna għadd ta' dgħufijiet li għadhom iridu jiġu indirizzati. Nagħmlu diversi rakkomandazzjonijiet biex tittejjeb il-kwalità tal-istatistika Ewropea. Dawn jinkludu: issodisfar aħjar tal-ħtiġijiet tal-utenti, prijoritizzazzjoni tal-finanzjament mill-UE għal proġetti innovattivi, titjib tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-istatistika Ewropea, u li titqies mill-ġdid il-prattika attwali tar-rilaxx qabel tal-istatistika qabel il-ħin.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors